MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 255/2009 LM

**Perit Arkitett Alexander Bezzina u l-Perit Arkitett Keith Cole f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà BAC Limited**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Melvin Pulis u b'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2010 ġiet kjamata in kawża s-soċjetà PJPC Constructions Limited**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Melvin Pulis (K.I. 144374M)** u mill-imsejħa fil-kawża **PJPC Constructions Limited**, hawnhekk 'l-appellanti', minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tad-19 ta' Ottubru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li

permezz tagħha ddeċidiet illi in segwitu għad-digriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2010 tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut; tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-imsejħa fil-kawża, u tiddikjara li l-konvenut huwa leġittimu kontradittur tal-atturi proprio et nomine; tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-imsejħa fil-kawża; tiċħad it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut; u tilqa' t-talba attriċi kif dedotta fil-konfront tal-konvenut, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi proprio et nomine s-somma ta' €6,840, bl-imgħax legali dekorribbli mis-6 ta' Jannar, 2010, li hija d-data tal-preżentata tar-risposta tal-konvenut, sad-data tal-effettiv pagament.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-proċeduri istitwiti mill-atturi quddiem l-Ewwel Qorti, huma talbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' sitt elef, tmien mija u erbgħin Euro (€6,840) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta bħala drittijiet professjonali inkluż il-VAT, rigward proġetti ta' kostruzzjoni fi Triq is-Sarġ, l-Imsida, u fi Triq Patri Nikol Magri, kantuniera ma' Qrendi By-Pass, il-Qrendi.

3. Il-konvenut fir-risposta tiegħu wieġeb li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi, għaliex is-servizzi in kwistjoni ġew ikkummissjonati minnu bħala impjegat tal-kumpannija PJPC Constructions Limited, li tagħha l-konvenut la huwa direttur u lanqas azzjonist, iżda sempliċiment *financial controller.* Il-konvenut eċċepixxa li huwa dejjem

idderieġa lill-atturi sabiex iniżżlu lilu bħala *contact person* għall-finijiet tal-applikazzjoni li saret quddiem il-MEPA, u sabiex jindirizzaw il-kontijiet tagħhom għall-attenzjoni tiegħu, imma dan biss f'vesti rappreżentattiva. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li huwa jinsab infurmat mid-diretturi ta' PJPC Constructions Ltd li huma għandhom kull intenzjoni li jħallsu lill-atturi, u li tali ħlasijiet bdew isiru, iżda li l-kont mibgħut mill-atturi huwa inflazzjonat b'mod esaġerat. Qal li l-ikbar partita, ta' €4,720, hija dritt maħdum bil-perċentwali ta' 3% fuq xogħlijiet stmati li kellhom jiswew €141,600, meta l-*quotation* li ħadu d-diretturi tal-kumpannija mingħand il-kuntrattur tagħhom hija ta' €52,000, sabiex b'hekk hemm inflazzjoni ta' kważi 300%. Qal li għalhekk l-atti mhumiex integri mingħajr il-parteċipazzjoni ta' PJPC Constructions Limited.

4. Permezz ta' digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Marzu, 2010, ġie deċiż li s-soċjetà PJPC Constructions Limited ma għandhiex interess tali fil-proċeduri odjerni li jiġġustifika t-talba għall-intervent fil-kawża *in statu et terminis,* u għalhekk it-talba tagħha għal tali intervent ġiet miċħuda. Waqt l-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2010, l-avukati difensuri tal-konvenut talbu għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà PJPC Constructions Limited, u l-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba.

5. **Marisa Zammit**, *administrative secretary* fl-uffiċċju tal-atturi, fl-*affidavit* tagħha spjegat li parti minn xogħolha jinvolvi li tibgħat il-kontijiet lill-klijenti fuq struzzjonijiet tal-atturi, u wara li jintbagħtu l-kontijiet tieħu ħsieb tara li l-flus dovuti jinġabru. Qalet li fejn hija tara li bejn wieħed u ieħor klijent jibqa' ma jħallasx fi żmien erba' xhur, hija tibda tikkuntattjah sabiex tassigura li finalment dan iħallas. Qalet li fil-każ odjern hija segwiet din il-proċedura, u fis-16 ta' Mejju,

2007, hija ħarġet kont ta' €1,786.63 (dak iż-żmien LM767) rigward l-applikazzjoni bin-numru PA 2651/06 għall-proġett f'Manfred House, Triq is-Sarġ, l-Imsida; fil-5 ta' Novembru, 2008, hija ħarġet kont ieħor ta' €4,720 rigward l-applikazzjoni bin-numru PA03442/06 dwar proġett fis-sit fi Triq is-Sarġ, l-Imsida; u fl-istess ġurnata, jiġifieri fil-5 ta' Novembru, 2008, ħarġet ukoll kont ieħor ta' €666.37 rigward l-applikazzjoni bin-numru PA 02620/06 f'sit ieħor fi Triq Patri Nikol Magri, kantuniera ma' Qrendi ByPass, il-Qrendi. Qalet li dawn il-kontijiet ħarġu dejjem fuq Melvin Pulis, u anki l-applikazzjonijiet mal-MEPA saru fuq Melvin Pulis. Żiedet tgħid li kienet hija stess li mliet id-dettalji tal-konvenut fuq dawn l-applikazzjonijiet, u kien l-istess Pulis li mar fl-uffiċċju tal-atturi u taha d-dettalji tiegħu sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi f'dawn l-applikazzjonijiet. Ix-xhud qalet li Melvin Pulis lilha qatt ma qalilha li kien qiegħed jaġixxi f'isem terzi jew f'isem xi kumpannija. Qalet ukoll li ftit tax-xhur wara li ħarġet dawn il-kontijiet, kienet indunat li l-konvenut baqa' ma ħallasx u għalhekk kienet ċemplitlu u talbitu jersaq għall-ħlas. Qalet li dakinhar il-konvenut kien qalilha li ma kienx nesa, u li kien sejjer iħallas. Kompliet tgħid li l-konvenut lilha qatt ma qalilha li l-kontijiet kellhom jinħarġu fuq ħaddieħor. Qalet li darba minnhom il-konvenut kien tfaċċa fl-uffiċċju u kien għaddielha ittra bil-*letterhead* tal-kumpannija PJPC Constructions Limited flimkien ma' erba' ċekkijiet. Qalet li minn dawn l-erba' ċekkijiet kien wieħed biss li ssarraf mill-bank, fl-ammont ta' €333, filwaqt li ċ-ċekkijiet l-oħrajn ma ġewx onorati. Ix-xhud qalet li sa dakinhar il-konvenut kien debitur tal-atturi fis-somma ta' €6,840. Flimkien mal-*affidavit* tagħha, ix-xhud ippreżentat kopji tal-kontijiet li ntbagħtu lill-konvenut, flimkien ma' kopja tal-ittra bil-*letterhead* ta' PJPC Constructions

Limited, li permezz tagħha l-konvenut talab li l-kontijiet mibgħuta lilu jiġu riveduti.

6. Il-**Perit Keith Cole** fl-*affidavit* tiegħu xehed li huwa wieħed mill-imsieħba fid-ditta ta' Periti Bezzina & Cole, u jokkupa l-pożizzjoni ta' direttur fil-kumpannija BAC Limited. Qal li l-*partner* tiegħu f'dawn id-ditti huwa l-Perit Alexander Bezzina. Ix-xhud spjega li l-uffiċċju tagħhom kien applika mal-MEPA għall-permessi tal-bini għan-nom tal-konvenut Melvin Pulis, fuq tliet proġetti – il-PA 2620/06 li kien ikopri binja magħmula minn ħames garaxxijiet, store żgħir, żewġ *maisonettes* u *penthouse* fi Triq Patri Nikol Magri, kantuniera ma' Qrendi By-Pass, il-Qrendi, u l-permess relattiv għal dan il-proġett kien ħareġ fl-10 ta' Ottubru, 2006. Il-PA 3442/06 kien jikkonsisti f'applikazzjoni għat-twaqqigħ ta' bini eżistenti, bini ta' saqaf ta' garaxx u bini ta' tmien appartamenti u żewġ *penthouses* f'sit mibni fi Triq is-Sarġ, l-Imsida, u l-permess relattiv kien ħareġ fit-18 ta' Awwissu, 2008. Qal li l-applikazzjoni għall-permess PA 2651/06 kienet tkopri t-twaqqigħ ta' bini eżistenti, il-kostruzzjoni ta' garaxxijiet, erba' sulari ta' appartamenti, u *penthouse* f'Manfred House, Triq is-Sarġ, kantuniera ma' Triq Santa Venera, l-Imsida, u din l-applikazzjoni ġiet rifjutata. Qal ukoll li l-applikazzjonijiet għal dawn il-permessi ġew iffirmati mill-konvenut darbtejn fuq kull applikazzjoni, u dan applika kemm bħala applikant kif ukoll bħala sid. Ix-xhud qal li rigward dawn il-proġetti, huma dejjem tkellmu mal-konvenut, u l-istruzzjonijiet fir-rigward ta' dawn il-proġetti dejjem ħaduhom mingħandu personalment, u dan qatt ma indika li kien qiegħed jidher għan-nom ta' xi kumpannija. Ix-xhud qal li l-kontijiet għal dawn is-servizzi ntbagħtu lill-konvenut, iżda huma bdew jindunaw li dan kien qiegħed jinjora l-kontijiet tagħhom,

sakemm huma taw struzzjonijiet lill-konsulent legali tagħhom sabiex jibgħat ittra uffiċjali. Ix-xhud qal li sussegwentement l-atturi kienu rċevew ittra mingħajr data iffirmata mill-konvenut fuq *letterhead* tal-kumpannija PJPC Constructions Limited, u din kienet l-ewwel darba li din il-kumpannija ssemmiet fir-relazzjoni mal-konvenut. Qal li ma' din l-ittra kien hemm erba' ċekkijiet, li wieħed minnhom issarraf, iżda l-oħrajn kienu *post-dated* u tnejn minnhom ma ġewx onorati mill-bank. Qal ukoll li fil-25 ta' Jannar, 2010, il-konvenut talab li tiġi ffirmata formula tal-MEPA sabiex jinbidel il-perit fir-rigward tal-applikazzjoni PA 2620/06, u huwa kien iffirma din il-formula, u fuq din il-formula Melvin Pulis baqa' jidher u jiffirma bħala l-applikant. Qal li l-atturi qegħdin jilqgħu għall-allegazzjoni li l-ammont pretiż minnhom huwa inflazzjonat, billi jwieġbu li l-kont għas-servizzi tagħhom ġie kkalkolat minnhom abbażi tat-Tariffa K. Qal ukoll li fir-rigward tal-allegati żbalji li qiegħed isir riferiment għalihom mis-soċjetà PJPC Constructions Limited, huma dejjem ingħataw l-istruzzjonijiet mingħand il-konvenut u ħadd aktar. Qal ukoll li fil-kontijiet ma kienx hemm żbalji, u kien hemm biss reviżjoni tal-pjanti sottomessi lill-MEPA fuq struzzjonijiet tal-istess Pulis sabiex joħroġ kemm jista' jkun *units* minn dan il-proġett, u dan wassal sabiex minn darba għal oħra jkun hemm pjanti sottomessi mill-ġdid skont l-ordnijiet riveduti mill-istess Pulis. Kompla jgħid li dawn il-pjanti ma sarux mill-ġdid minħabba xi żbalji, iżda minħabba tibdil fl-istruzzjonijiet mogħtija minn Pulis minn darba għal oħra. Finalment ix-xhud qal li l-intimat Pulis għadu ma ħallasx għax-xogħol li inkariga lill-atturi jagħmlu fuq tliet proġetti. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu x-xhud ippreżenta kopji tal-applikazzjonijiet li saru quddiem il-MEPA, kopji tal-ittri uffiċjali li ntbagħtu lill-konvenut, kif ukoll kopja taċ-*change of architect form* li fuqha Melvin Pulis ġie indikat bħala l-applikant.

7. **Eric Casha** fl-*affidavit* tiegħu spjega li jaħdem bħala *quantity surveyor* mal-Periti Alexander Bezzina u Keith Cole. Xehed li huwa jaf li l-atturi għamlu kawża kontra l-konvenut għaliex dan ma kienx ħallas għax-xogħol. Qal li l-konvenut kien imur fl-uffiċċju tal-atturi u kienu jsiru laqgħat miegħu sabiex huma jifhmu eżatt x'ried u x'tip ta' applikazzjoni u permessi kienu meħtieġa għall-proġetti tiegħu. Ix-xhud qal li huwa personalment iltaqa' mal-konvenut diversi drabi, u minkejja li ħafna drabi kienu jiddiskutu kif għandu jitqassam proġett partikolari, id-darba ta' wara Pulis kien imur b'ideat dwar kif il-proġett jista' jsir b'mod differenti, bir-riżultat li l-proġett kien ikollu jitfassal mill-ġdid. Qal li huwa ma jiftakarx jekk xi darba l-konvenut seta' qal li xi pjanti kienu żbaljati, iżda kien il-konvenut li kien ibiddel il-pjanijiet u d-disinji minn laqgħa għal oħra. Qal li t-tibdil rikjest min-naħa tal-konvenut kien ifisser ħafna aktar xogħol għall-atturi.

8. **Ivor Robinich** in rappreżentanza tal-MEPA, xehed li l-applikazzjoni PA 3442/06 li ddaħħlet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar minn Bezzina & Co. Architects and Engineers saret f'isem Melvin Pulis. Spjega li l-proġett kien jikkonċerna żvilupp fi Triq is-Sarġ, l-Imsida, u l-proposta kienet għat-twaqqigħ ta' struttura eżistenti u għall-bini mill-ġdid ta' tmien appartamenti u *penthouse.* Ix-xhud ikkonferma li l-permess ħareġ f'isem il-konvenut.

9. Il-konvenut **Melvin Pulis** fix-xhieda tiegħu kkonferma li l-firem li dehru fuq l-applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar kienu tiegħu, u anki meta saret il-formula għal bidla fil-periti, il-firma kienet tiegħu. Imma l-konvenut qal li huwa

kien qiegħed jaġixxi in rappreżentanza tal-kumpannija PJPC Constructions Limited.

10. **Oliver Magro** mill-uffiċċju legali tal-MEPA, xehed li fl-applikazzjoni 3442/06 l-applikant kien Melvin Pulis u l-proġett propost tiegħu kien għat-twaqqigħ ta' binja eżistenti u l-bini mill-ġdid ta' tmien appartamenti u żewġ *penthouses* u garaxx. Qal li l-applikazzjoni daħlet fis-26 ta' Mejju, 2006, u l-permess ġie approvat fit-18 ta' Awwissu, 2008.

11. **Melvin Pulis** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa jaħdem mal-kumpannija PJPC Constructions Limited bħala *financial controller,* u xogħlu huwa li jieħu ħsieb kull proġett li jidħol fil-kumpannija, kemm fir-rigward tal-*accounts,* kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' korrispondenza mal-persuni li jkunu ser jaħdmu fuq il-proġett. Qal li huwa m'għandu l-ebda sehem fil-kumpannija, la bħala direttur u lanqas bħala azzjonist. Qal li d-direttur tal-kumpannija, ċertu Joseph Mangion, kien tah proġett biex jaħdem fuq permessi għal sulari ġodda f'proprjetajiet fl-Imsida u fil-Qrendi, u s-soltu x-xogħol tiegħu jinvolvi li jsib u jinkariga periti sabiex japplikaw għall-permessi neċessarji. Qal li f'dan il-każ partikolari, id-direttur idderiġieh biex jikkuntattja lill-Perit Kenneth Cole għaliex dan il-Perit involut fil-bini ta' dawn il-proprjetajiet u għalhekk kien diġà intiż dwar il-blokka u kellu l-pjanti neċessarji u l-esperjenza dwar l-istruttura u l-materjali li ntużaw fil-binja. Kompla jgħid li huwa u l-Perit Cole ltaqgħu madwar tliet darbiet fis-sena 2006, meta bdew b'dan il-proġett, u fil-fatt il-Perit Cole kien sab xi pjanti li kien ħadem fuqhom huwa stess. Qal ukoll li huwa kien informa lill-Perit Cole li huwa kien intbagħat minn Joseph Mangion, id-direttur tal-kumpannija li hu kien

jaħdem magħha, u spjegalu dan x'kellu f'moħħu li jagħmel, tant hu hekk li l-Perit Cole stess ċempel lil Mangion sabiex jikkonferma dak li kien qiegħed jgħidlu l-konvenut. Il-konvenut kompla jgħid li wara li kkonferma dan, beda x-xogħol fuq iż-żewġ proġetti u fil-fatt il-Perit Cole kien għamel il-pjanti neċessarji u wara saru l-applikazzjonijiet għall-permessi relattivi. Qal li meta l-Perit lesta l-karti, dan kien tahomlu biex jiffirmahom u żied jgħid li dakinhar huwa fehem li l-firma tiegħu kienet meħtieġa sabiex huwa jkun il-*contact person* mal-MEPA. Pulis qal li huwa kien jieħu ħsieb kull proġett li jidħol fil-kumpannija. Pulis qal li meta l-Perit lesta l-applikazzjonijiet, dan kien għaddielu l-formuli sabiex jiffirmahom. Qal li l-Perit Cole kien jaf li l-konvenut la huwa s-sid tal-proġett u lanqas direttur jew azzjonist tal-kumpannija. Qal li fil-fatt huwa ma kienx talab lill-Perit Cole biex jagħmel l-applikazzjoni f'ismu, iżda l-applikazzjoni kienet saret f'ismu fuq inizjattiva tal-Perit Cole. Qal li l-Perit Cole kien ċempel lil Joe Mangion u kellmu quddiemu, sabiex jikkonferma l-istruzzjonijiet li kellu, kif ukoll għaliex dan il-proġett kellu jkun kontinwazzjoni tal-blokka eżistenti, fejn l-applikant u l-klijent tal-Perit Cole kien Joe Mangion. Ix-xhud kompla jgħid li huwa jaf li bil-firma tiegħu fuq l-applikazzjoni, huwa ġie personalment responsabbli mal-MEPA għal dak kollu li jinqala', iżda fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Perit Cole, dan dejjem kien jaf li l-klijenta tiegħu hija l-kumpannija. Ix-xhud kompla jgħid li l-permessi ħarġu għaż-żewġ proprjetajiet, iżda x-xogħol fuq il-proprjetà fl-Imsida għadu ma bediex, filwaqt li fir-rigward tal-proprjetà fil-Qrendi, il-proġett tkompla u nbniet l-estensjoni ta' sular skont il-permessi. Qal li peress li huwa kien jieħu ħsieb il-kotba u l-kontijiet tal-kumpannija, il-kont tal-perit fetħu hu, u s-sistema tiegħu kienet li qabel jgħaddi l-kontijiet lid-direttur tal-kumpannija, kien jiċċekkjahom hu. Qal li meta fetaħ il-kont tal-Perit Cole, huwa ħaseb li dan kellu żball fil-kont

għaliex fil-fehma tiegħu dan kien esaġerat, u għalhekk kellem lid-direttur, li ddeċieda li jkellem lill-Perit Cole hu. Qal li madwar ġimagħtejn wara huwa rċieva telefonata mill-bank fejn ġie mgħarraf li ċertu Bezzina kien għamillu sekwestru fuq il-kont bankarju personali tiegħu, u meta mar il-bank huwa kien ikkonferma li l-mandat sar għaliex kien hemm kont tal-Perit li baqa' ma tħallasx. Ix-xhud qal li huwa qatt ma basar li l-Perit, mingħajr ma kellmu, kien ser jaġixxi b'dan il-mod fil-konfront tiegħu, partikolarment meta dan kien jaf li x-xogħol sar għall-kumpannija PJPC Constructions Limited u mhux għall-konvenut personalment. Kompla jgħid li huwa kien kiteb lill-Perit u spjegalu li fil-fehma tiegħu kien hemm żball ta' kalkolu, iżda dan baqa' ma kellmux lura. Il-konvenut qal li huwa jinsab edott mill-fatti u huwa jaf għal liema raġunijiet kien hemm l-oġġezzjoni dwar il-kont, li kienet prinċipalment fir-rigward tal-estensjoni tal-blokka fl-Imsida. Din il-binja kienet tikkonsisti fi blokka ta' żewġ garaxxijiet u erba' appartamenti, u eventwalment żdiedu l-limiti tal-għoli li jista' jinbena u għalhekk saret l-applikazzjoni għall-bini ta' żewġ sulari oħra. Qal ukoll li fil-kont il-Perit kien ikkalkula li d-dritt tiegħu fuq dawn iż-żewġ sulari kellu jitla' għal €14,000, u talab depożitu bil-quddiem ta' 50%. Qal li d-dritt tal-Perit huwa fil-perċentwali ta' 6% tax-xogħlijiet, u biex il-kont tal-Perit jitla' għal €14,000, il-valur tax-xogħol fuq dawn iż-żewġ sulari kellu jkun ta' €233,333. Żied jgħid li fil-fatt dawn iż-żewġ sulari swew madwar €100,000, €50,000 għall-bini u €50,000 għal-lift u alterazzjonijiet in konnessjoni mat-tromba tal-lift, b'tali mod li d-dritt tal-Perit jiġi jammonta għal €6,000. Kompla jgħid li huwa jissuspetta li sar żball fl-*accounting* min-naħa tad-ditta fejn jaħdem il-Perit Cole, li kkalkulaw l-ispejjeż tal-blokka kollha, bl-iskavar b'kollox, minflok għas-sulari addizzjonali biss, u dan meta x-xogħol ta' skavar u l-bini tal-ewwel tliet sulari kien sar qabel, u l-Perit

Cole kien diġà tħallas tagħhom. Il-konvenut kompla jgħid li wara li sar is-sekwestru, kienet saret laqgħa, li iżda ma wasslet imkien għaliex il-Perit lanqas biss ried jisma' x'kienu l-oġġezzjonijiet tal-konvenut dwar il-kont. Il-konvenut qal li l-bini tal-estensjoni tal-Imsida għadu ma bediex, u jekk din tinbena l-Perit inkarigat mill-proġett mhux ser ikun il-Perit Cole. Qal ukoll li għalhekk, apparti l-valur tal-bini, il-konvenut mhux obbligat iħallas 6% u lanqas il-50% depożitu pretiżi, u meta jiġri hekk l-obbligu huwa li jsir ħlas ta' 2% bħala dritt tal-Perit. Il-konvenut qal ukoll li l-Perit Cole ħa żewġ żbalji fil-pjanti tal-proġett tal-Qrendi, u meta ġie biex jinħareġ iċ-ċertifikat ta' konformità, il-MEPA kienet indunat li kien hemm żball għaliex il-pjanta tal-faċċata ma kinitx taqbel mal-pjanta ta' ġewwa. Qal li dan l-iżball da parti tal-Perit Cole sewa lill-konvenuti €525.10 għaliex sabiex jiġi kkorreġut dan l-iżball, kellha ssir applikazzjoni ġdida, u għal dan l-iskop kellu jitqabbad Perit ieħor.

12. Il-**Perit Keith Cole**, għad-domandi li sarulu in kontro-eżami spjega li t-tariffa tiegħu hija maqsuma fuq tliet fażijiet, ta' 2% tal-valur tax-xogħol kull waħda. Qal li l-ewwel fażi ta' 2% hija għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet lill-MEPA, it-tieni fażi tinvolvi s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-ippjanar, u għalhekk sa din il-fażi l-Perit ikun dovut 4% tal-valur tax-xogħol. Qal iżda li f'dan il-każ, minkejja li huwa kien involut fil-fażi tal-ħruġ tal-permessi, ma baqax involut fil-fażi tal-ħruġ tat-*tender,* u għalhekk il-pretensjoni tiegħu hija għal 3% tal-valur tax-xogħol, nofs id-dritt ta' 6%. Qal li l-istima tal-bini hija ta' €141,600, u huwa abbażi ta' dan l-istima li nħadem il-perċentwali, u l-konvenut ingħata skont ta' €248, sabiex il-kont huwa ta' €4,000, li bil-VAT inkluż jiġi €4,720. Qal li din it-tariffa nħadmet fuq binja ta' 8 appartamenti u 2 *penthouses,* jew għaxar

*units.* Qal li mhux minnu dak li allega l-konvenut li l-appartamenti kienu diġà mibnijin u li kull ma ried jagħmel kien li jiżdied sular wieħed jew tnejn fil-blokka tal-Qrendi, għaliex dak li ried jagħmel il-konvenut effettivament kien li jwaqqa' kollox, minbarra l-garaxxijiet, u ssir rikostruzzjoni tal-blokka sabiex jiżdiedu n-numru ta' appartamenti fiha. Qal li dan il-proġett ma kienx jinvolvi ż-żieda ta' sular, iżda t-twaqqigħ ta' dak is-sular li kien hemm u l-bini mill-ġdid ta' tmien appartamenti fuqha. Il-Perit Cole ikkonferma li l-ammont pretiż f'dawn il-proċeduri huwa ta' €6,840. Il-Perit Cole kkonferma li l-isem fuq iċ-ċekkijiet kien PJPC Constructions Limited, u uħud minn dawn iċ-ċekkijiet ma kinux issarrfu. Qal li huwa ma jiħux ħsieb l-*accounts* iżda mill-*istatement* joħroġ li minn dawn iċ-ċekkijiet kien hemm l-ammont ta' €363 li kien tħallas, iżda kien baqa' bilanċ ta' €6,844 bil-VAT inkluża.

13. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, il-konvenut Melvin Pulis xehed li huwa kien iffirma l-applikazzjonijiet li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq struzzjonijiet tal-Perit Cole, u qal li huwa ffirma biss l-applikazzjoni. Ma weġibx ċar għad-domanda li saritlu dwar jekk huwa ffirmax ukoll id-*declaration of ownership.* Il-konvenut ġie mistoqsi b'liema mod huwa wasal għall-ammont ta' €14,000, u qal li ladarba l-kont huwa ta' madwar €7,000, dan ifisser li t-total tad-dritt li kellu jitħallas lill-Perit li kieku dan insista li jitħallas bis-6%, kien ikun ta' €14,000.

14. Il-**Perit Mark Camilleri** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien ġie nkarigat minn PJPC Constructions Limited sabiex jirregolarizza l-kostruzzjoni li kienet saret f'Saint Nicholas Court, Triq Patri Nikol Magri, il-Qrendi, fuq ġewwa kif ukoll

fil-faċċata tal-blokka. Qal li wara huwa ntalab joħroġ ċertifikat ta' *compliance.* Qal li PJPC Constructions Limited talbuh ukoll ifassal proposta rigward sit ieħor li jinsab fi Triq is-Sarġ, Santa Venera, fejn kien sar żvilupp li wara safa abbandunat. Qal li huwa ntalab ukoll l-istima tal-ispejjeż meħtieġa għall-kostruzzjoni, u din l-istima nħadmet b'mod ġeneriku bir-rata ta' €110-il metru kwadru għall-bini fi stat ta' ġebel u saqaf. Qal li b'din ir-rata l-ispejjeż ġew ilaħħqu €76,300 għall-kostruzzjoni ta' żewġ sulari u *penthouse* fuq il-garages proprjetà ta' terzi. Ix-xhud qal li huwa kien ingħata l-inkarigu minn Melvin Pulis, u kien l-istess Melvin Pulis li ffirma kemm iċ-*change of architect form,* kif ukoll l-applikazzjoni l-ġdida. Ix-xhud ikkonferma li l-proġett li ngħata l-inkarigu dwaru kien għall-kostruzzjoni ta' żewġ sulari u *penthouse,* u hu vvaluta l-ispiża relatata ma' dan il-proġett fis-somma ta' €76,300.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

15. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut; ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, u l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-imsejħa fil-kawża, u ddikjarat li l-konvenut huwa leġittimu kontradittur tal-atturi proprio et nomine; astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-imsejħa fil-kawża; ċaħdet it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut; laqgħet it-talba attriċi kif dedotta fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi pro et noe s-somma ta' €6,840, bl-imgħax legali dekorribbli mis-6 ta'

Jannar, 2010, id-data tal-preżentata tar-risposta tal-konvenut, sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkunsidrat:***

*Bil-proċeduri odjerni l-atturi pro et noe jitolbu li l-konvenut jiġi ddikjarat iħallashom is-somma ta' €6,840 rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' drittijiet professjonali, inkluża l-VAT, rigwardanti proġett fi Triq is-Sarġ, Msida u fi Triq Patri Nikol Magri, kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi.*

*Il-konvenut jilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi billi s-servizzi in kwistjoni ġew ikkummissjonati minnu bħala impjegat tal-kumpannija PJPC Ltd, li tagħha la huwa direttur u lanqas azzjonist, imma sempliċiment Financial Controller. Huwa dejjem idderieġa lill-atturi sabiex iniżżlu lilu bħala* contact person *għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-MEPA in kwistjoni u sabiex jindirizzaw il-kontijiet tagħhom għall-attenzjoni tiegħu (ossia tal-konvenut) imma dan ovvjament f'vesti rappreżentattiva; (ii) mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, huwa jinsab infurmat mid-diretturi tal-kumpannija PJPC Ltd li huma għandhom kull intenzjoni jħallsu lill-atturi, kif fil-fatt bdew jagħmlu, imma li l-kont huwa inflazzjonat esaġeratament, l-ikbar partita ta' €4,720 hija dritt maħdum bil-perċentwali ta' 3% fuq xogħlijiet stmati li għandhom jiswew €141,600 meta l-*quotation *li ħadu d-diretturi mingħand il-kuntrattur tagħhom hija ta' €52,000, inflazzjoni ta' kważi 300%; u (iii) l-atti mhumiex integri mingħajr il-parteċipazzjoni tas-soċjetà PJPC Ltd.*

*B'Digriet datat 1 ta' Ġunju, 2010, ġiet kjamata in kawża s-soċjetà PJPC Constructions Ltd. bil-konsegwenza għalhekk li ġiet indirizzata t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex għalfejn tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' tali eċċezzjoni.*

*Is-soċjetà kjamata in kawża tilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) il-konvenut mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi billi s-servizzi in kwistjoni ġew kummissjonati mill-konvenut bħala impjegat tagħha u huwa la huwa direttur u lanqas azzjonist tas-soċjetà, imma sempliċement impjegat bħala Financial Controller; (ii) il-kont maħruġ mill-attur huwa altament inflazzjonat u skont il-kalkoli tagħha hija ġia ħallset aktar minn dak li huma d-drittijiet dovuti lill-atturi; (iii) hija rriskontrat żbalji fil-pjanti redatti mill-atturi b'mod illi l-istess pjanti kellhom jiġu sottomessi lill-*

*awtoritajiet mill-ġdid bi spejjeż għaliha. Is-servizzi reżi kienu għaldaqstant difettużi u l-ispejjeż inkorsi minnha sabiex jitranġaw l-iżbalji għandhom ikunu a karigu tal-atturi.*

*Fil-fehma tal-Qorti, qabel ma t-talba attriċi tista' tiġi kkunsidrata u trattata fil-mertu, għandha l-ewwel u qabel kollox tiġi indirizzata, trattata u determinata l-kwistjoni dwar jekk il-konvenut Melvin Pulis huwiex o meno l-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe f'dawn il-proċeduri, kwistjoni din sollevata mill-konvenut bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu u sollevata wkoll mis-soċjetà kjamata in kawża bl-ewwel eċċezzjoni tagħha.*

***L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà kjamata in kawża fis-sens illi Melvin Pulis ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe:***

*Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut u s-soċjetà kjamata in kawża entrambe jikkontendu li hemm qbil bejniethom li l-konvenut ma huwiex leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe in kwantu huwa impjegat tas-soċjetà kjamata in kawża, senjatament Financial Controller tagħha, u li fil-kontrattazzjoni tas-servizzi tal-atturi pro et noe huwa ma kienx qed jaġixxi f'ismu personali iżda kien qed jirrappreżenta lis-soċjetà kjamta in kawża. Fil-fehma tal-Qorti però tali qbil bejn il-konvenut u s-soċjetà kjamata in kawża ma huwiex suffiċjenti sabiex l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tal-istess soċjetà jiġu milqugħa stante li l-fatt li l-konvenut ma huwiex leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe jeħtieġ jirriżulta b'mod sodisfaċenti mill-provi prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri, u b'mod partikolari jeħtieġ jirriżulta li l-atturi pro et noe kienu konxji mill-fatt li l-konvenut ma kienx qed jaġixxi f'ismu personali imma in rappreżentanza tas-soċjetà kjamata in kawża.*

*Mill-provi prodotti mill-atturi pro et noe jirriżulta li l-ammont pretiż minnhom jirreferi għal servizzi professjonali minnhom reżi in konnessjoni mas-segwenti applikazzjonijiet għall-iżvilupp: 2620/06 relattivament għal żvilupp fi Triq Patri Nikol Magri kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi, 2651/06 relattivament għal żvilupp fi Triq is-Sarġ, Msida, u 3442/06 relattivament għal żvilupp ieħor fi Triq is-Sarġ, Msida. L-applikant fuq kull waħda minn dawn l-applikazzjonijiet huwa l-konvenut Melvin Pulis illi ffirma wkoll id-dikjarazzjoni tal-applikant u ċċertifika li huwa l-proprjetarju tas-siti fuq liema kien intiż li jsiru l-iżviluppi proposti (fn. 14 Dok. "PA1" sa Dok. "PA3" a fol. 19 sa 24 tal-proċess). Il-konvenut stess ikkonferma li l-firma li tidher fuq l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp imsemmija hija l-firma tiegħu (fn. 15 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2012).*

*Fl-affidavit (fn. 16 fol. 49 u 50 tal-proċess) tiegħu l-attur il-Perit Keith Cole ddikjara li* l-applikazzjonijiet għal permessi ta' bini fuq imsemmija – ossia 2620/06, 3442/06 u 2651/06 – ġew iffirmati mis-Sur Melvin Pulis darbtejn fuq kull applikazzjoni, kemm

bħala applikant kif ukoll bħala sid (fejn iffirma c-Certificate of Ownership). Il-komunikazzjonijiet bejna u l-applikant għal dawn l-imsemmija proġetti dejjem saru mis-Sur Melvin Pulis. Nikkonferma wkoll illi l-istruzzjonijiet għal dawn l-applikazzjonijiet dejjem irċevejnihom mingħand is-Sur Melvin Pulis direttament u qatt ma indikalna li kien qed jaġixxi għan-nom ta' kumpannija. Aħna bagħatna kontijiet għal dawn is-servizzi lis-Sur Melvin Pulis. Bdejna nindunaw illi s-Sur Pulis kien qed jinjora l-kontijiet tagħna sakemm tajna struzzjonijiet lill-konsulent legali tagħna sabiex jibgħat ittra uffiċjali liema ittra intbagħtet lil Pulis datata 30 ta' April, 2009. Wara rċevejna ittra bla data (li waslet fl-uffiċċju tagħna fit-8 ta' Mejju, 2009) iffirmata mis-Sur Melvin Pulis fuq letter head ta' kumpannija li għalina kienet l-ewwel darba li smajna biha, bl-isem ta' PJPC Constructions Ltd. Din kienet l-ewwel darba li dehret din il-kumpannija f'din il-kwistjoni. Ma' din l-ittra kien hemm erba' ċekkijiet, wieħed issarraf imma l-oħrajn li kienu 'post-dated' tnejn minnhom ma ġewx onorati mill-bank (iċ-ċekkijiet kienu '*referred to drawer*') u l-ieħor li kellu data warajhom baqa' ma ssarrafx.

*L-Administrative Secretary tal-atturi pro et noe, Marisa Zammit, xehdet illi:* bħala parti mix-xogħol tiegħi jiena inkarigata nibgħat il-kontijiet lill-klijenti rispettivi u dawn il-kontijiet jinħarġu fuq struzzjonijiet tal-periti (Alexander Bezzina u Keith Cole). Jiena imbagħad ladarba jinħareġ u jintbagħat il-kont, nieħu ħsieb illi l-ammonti dovuti jinġabru u dana anke billi nibgħat statements, kull xahar u jekk nara illi l-klijent baqa' ma ħallasx fi żmien erba' xhur bejn wieħed u ieħor, nibda anke nċempillu sakemm fl-aħħar iħallas. Fil-każ ta' Melvin Pulis, jiena għamilt ukoll din l-istess proċedura u ċioe: fis-16 ta' Mejju, 2007 ħriġt kont ta' Euro 1,786.63 (dak iż-żmien Lm767) rigward Applikazzjoni bin-Numru PA 2651/06 rigward proġett f'Manfred House, Triq is-Sarġ, Msida - Dok. "MZ1" a fol. 42 tal-proċess; fil-5 ta' Novembru 2008 ħriġt kont ieħor ta' Euro 4,720 rigward Applikazzjoni bin-numru PA 03442/06 rigward proġett fuq sit Triq is-Sarġ, Msida - Dok. "MZ2" a fol. 43 tal-process; fl-istess ġurnata u cioè 5 ta' Novembru 2008 ħriġt ukoll kont ieħor ta' Euro 666.37 - Dok. "MZ3" a fol. 44 tal-proċess - rigward applikazzjoni bin-numru PA 02620/06 fuq sit fi Triq Patri Nikol Magri kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi.

… Nirrimarka illi dawn il-kontijiet inħarġu dejjem fuq il-klijent. Anke l-applikazzjonijiet imsemmija fl-istess kontijiet inħarġu wkoll u nħadmu fuq Melvin Pulis. Rigward l-applikazzjoni fuq imsemmija, ngħid illi kont jiena stess illi mlejt id-dettalji tal-applikant fuq dawn l-applikazzjonijiet meta l-istess Melvin Pulis ġie l-uffiċċju tagħna u ffirma quddiemi dawn l-istess applikazzjonijiet. Kien hustess li tani d-dettalji relattivi għal dan. Ngħid ukoll illi dan Melvin Pulis qatt ma qalli li kien qed jaġixxi għal ħaddieħor jew għal xi kumpannija. Wara ftit tax-xhur li ħriġt il-kontijiet indunajt li dan

baqa' ma ħallasx u għalhekk niftakar illi jiena personali kont ċempilt lill-imsemmi Melvin Pulis sabiex jiġi jħallas u dan Melvin weġibni "ma nsejtkomx. Issa niġi". Darb' oħra kien qalli li xtaq ikellem lill-Perit fuq dawn il-kontijiet. Ngħid illi meta ċempiltlu lanqas biss semma' li l-kontijiet kellhomjinħarġu fuq ħaddieħor. Sussegwentement darba minnhom tfaċċa l-uffiċċju l- imsemmi Melvin Pulis u tani ittra 'by hand' mingħajr data u b'letter head ta' kumpannija PJPC Construction Ltd. u ma' din l-ittra kien tani wkoll erba' ċekkijiet - Dok. "MZ4" fol. 45 u 46 tal-proċess - li minnhom kien issarraf biss wieħed u cioè dak ammontanti għal Euro 333. Ngħid illi t-tlett ċekkijiet l-oħrajn kienu datati tnejnminn 30 ta' Ġunju, 2009 u ieħor 31 ta' Lulju, 2009. Ngħid illi konna ippreżentajna l-bank żewġ *cheques* datati 30 ta' Ġunju, 2009 u dawn ma ġewx onorati. Meta rajnahekk lanqas biss ippreżentajna c-*cheque* l-ieħor. Rigward il-*letter head* tal-kumpannija PJPC Construction Ltd. li semmejt fuq ngħid illi jiena għalija kienet l- ewwel darba illi rajt u smajt b'din il-kumpannija (fn. 17 – Affidavit ta' Marisa Zammit a fol. 40 u 41 tal-proċess).

*Eric Casha, quantity surveyor tal-atturi pro et noe, xehed illi* naf illi l-periti li magħhom naħdem għamlu kawża kontra Melvin Pulis sabiex iħallas tax-xogħol u fil-fatt jiena kont ukoll involut fix-xogħol u proġetti tal-imsemmi Melvin Pulis u xogħoli kien ta' 'draughtsman'. Jiena ngħid illi dan Melvin Pulis kien jiġi l-uffiċċju tagħna u konna nagħmlu laqgħat miegħu fuq il-proġetti tiegħu u dana sabiex aħna nkunu nistgħu nifhmu eżatt x'irid u naraw kif jista' iġib permess u jattwa l-proġettli jkun jixtieq. Jiena personalment iltqajt diversi drabi mal-imsemmi Melvin Pulis - niftakar li kont niltaqa' miegħu fuq 'lay-out' jiġifieri proposta kif ser jitqassam il-proġett tal-bini u minn darba għall-oħra kien jiġi bi proposti ġodda ta' kif nistgħu nagħmlu l-pjanti b'mod differenti. Ngħid illi x-xogħol kien jiżvolġi u hekk kif hu kienjara l-pjanti kien jaħseb mill-ġdid kif jista' jagħmel xi ħaġa differenti u fuq struzzjonijiet tiegħu konna nerġgħu infasslu l-proġett skont kif jixtieq hu. Da partitiegħi ma niftakarx li kien hemm xi okkazzjoni meta l-istess Pulis seta' qalli li kien hemm pjanti li kont ħejjejt jiena jew l-uffiċċju fejn naħdem li kienu żbaljati - imma kif għedt, il-ħsieb dwar il-proġett minn naħa tiegħu kien jevolvi b'tali mod illi kien jinbidel il-pjanti minn darba għall-oħra. Għandi ngħid illi dan it-tibdil kollu minn naħa tiegħu kien ifisser ħafna aktar xogħol minn naħa tagħna biex dejjem nimxu skont l-istruzzjonijiet tiegħu li kienu jinbidlu kif già għedt (fn. 18 *Affidavit* ta' Eric Casha a fol. 73 tal-proċess).

*Minn dawn id-diversi xhieda jirriżulta ferm ċar li għall-atturi pro et noe l-klijent tagħhom - u b'hekk id-debitur tagħhom - huwa l-konvenut Melvin Pulis u ħadd iżjed.*

*Il-konvenut u s-soċjetà kjamata in kawża rribattew għal dawn il-provi tal-atturi pro et noe essenzjalment bix-xhieda tal-istess konvenut. Di fatti fis-seduta tas-17 ta'*

*Novembru, 2014 (fn. 19* Vide verbal a fol. 152 tal-proċess) *s-soċjetà kjamata in kawża ddikjarat li għall-finijiet tal-eċċezzjonijiet tagħha, li appuntu jinkludu l-eċċezzjoni li l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe,* ser tistrieħ fuq il-provi prodotti mill-konvenut.

*Fir-rigward tar-relazzjoni ġuridika mal-atturi pro et noe l-konvenut xehed illi* jiena naħdem mal-kumpannija PJPC Constructions Limited, kjamata fil-kawża, bħala *Financial Controller* (ara Dok. MP1 anness – fn. 20 fol. 150 u 151 tal-proċess). Jiena nieħu ħsieb kull proġett li jidħol fil-kumpannija sija meta jiġi għall-accounts u għall-kotba li huma involuti mal-proġett innifsu u sija meta jiġi għall-korrispondenza man-nies illi jkunu ser jaħdmu fuq il-proġett konċernat. Jiġifieri xogħoli jinvolvi komunikazzjoni mal-ħaddiema, periti u avukati li jiġu involuti fil-proġett. Madanakollu jiena sempliċi impjegat u ma għandi l-ebda sehem mill-kumpannija, la bħala direttur u lanqas bħala azzjonist (ara statut PJPC u dokumentazzjoni relattiva Dok. MP2 anness – fn. 21 fol. 152 tal-proċess). Id-direttur tal-kumpannija Joseph Mangion kien tani proġett biex naħdem fuq permessi ta' sulari ġodda fuq proprjetajiet già eżistenti fl-Imsida u l-Qrendi. Xogħoli s-soltu huwa li nsib u nqabbad perit sabiex nibdew billi napplikaw għall-permessi neċessarji u mmexxu minn hemm. F'dan il-każ partikolari kif ġieli ġara f'każijiet oħra, id-direttur iddiriġieni biex nikkuntattja lill-Perit Keith Cole u dan minħabba l-fatt illi l-proprjetajiet f'dan il-proġett kienu già eżistenti kif għedt iddeċidejna nqabbdu lill-Perit Keith Cole. Raġuni oħra il-għaliex aħna iddeċidejna li nqabbdu lill-Perit Cole hija li perit li jkun digà intiż fil-blokka jkollu l-pjanti neċessarji u l-esperjenza ta' kif ikun strutturalment mibni u l-materjali li ntużaw fil-binja. Fil-fatt jiena u l-Perit konna ltqajna xi tliet darbiet jew erbgħa fis-sena 2006, meta bdejna b'dan il-proġett u l-ewwel ma għamel sab il-pjanti konċernati li kien ħadem fuqhom hu stess xi snin qabel. Għedtlu li kien bagħatni Joseph Mangion, id-direttur tal-kumpannija tagħna u x'kellu f'moħħu li jagħmel u cioè għedtlu bil-proposti tagħna fuq il-proprjetajiet tal-Imsida u l-Qrendi u fil-pront huwa kien ċempel lil Joseph Mangion stess sabiex jikkonferma likont qed ngħidlu jien. Wara li kkonferma dan bdejna naħdmu fuq dawn iż-żewġ proġetti u fil-fatt xogħlu kien li jagħmel il-pjanti neċessarji u wara dan japplika għall-permessi relattivi. Meta lesta l-karti u ġejna biex indaħħlu l-*applications*, huwa kien tahomli biex niffirma bħala l-applikant. Jiena fhimt li jkun aħjar hekk sabiex jiena nkun il-*contact person* mal-MEPA imma għalhekk biss; il-Perit kien jaf li jiena ma kont la s-sid tal-proġett u lanqas direttur jew azzjonist tal-kumpannija.Fil-fatt jiena ngħid illi lanqas ma kont jiena li għedtlu biex jagħmel l-applikazzjoni f'ismi, iżda li kienet inizjattiva tal-Perit, probabilment biex ma noqgħodux ġejjin u sejrin inġibu l-firma ta' Joe kull meta jkollna bżonnha. Jiena min-naħa tiegħi ma oġġezzjonajtx għax billi kont jiena li kont niltaqa'

mal-Perit, fhimt li jkun iktar spedizjuż li niffirma jiena però ngħid illi l-Perit kien pjenament konsapevoli li l-klijent tiegħu kien Joe Mangion u PJPC Constructions Ltd. u li jiena kont sempliċement rappreżentant tal-employer tiegħi. Dan ngħidu sija għaliex il-Perit ċempel lil Joe quddiemi u kkonferma miegħu l-istruzzjonijiet tiegħi, u sija għaliex din kienet kontinwazzjoni tal-proċess li kien inbeda meta nbniet il-blokka u li fiha l-applikant u l-klijent tal-perit kien l-istess Joe Mangion. Qed nannetti kopja tal-permess oriġinali tal-Imsida, fejn jidher li l-applikant kien Joseph Mangion (Dok. MP3 – fn. 22 fol. 153 tal-proċess) u kopja tal-pjanta relattiva fejn hemm id-dettalji li juru li l-periti kienu Bezzina & Cole (Dok. MP4 – fol. 23 a fol. 154 tal-proċess). Jiena konxju illi bil-fatt illi jiena iffirmajt l-applikazzjoni, jiena ġejt personalment responsabbli mal-MEPA għal dak kollu li jinqala' mal-MEPA, billi l-MEPA ma tafx li jiena fil-fatt nirrappreżenta lill- kumpannija, imma fir-relazzjonijiet mal-Perit Cole ngħid illi huwa minn dejjem kien jaf min hu l-klijent tiegħu (fn. 24 Affidavit tal-konvenut a fol. 147 sa 149 tal-proċess).

*Fejn imbagħad il-kwistjoni tkun tirrigwarda d-determinazzjoni ta' jekk ir-relazzjoni ġuridika ġietx instawrata ma' soċjetà b'responsabilità limitata jew inkella ma' individwu f'ismu personali, huwa assodat illi* meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-*invoices*, *statements*, eċċ. relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor (fn 26 Camel Brand Co. Ltd. v. Michael Debono, Ċitaz. Nru. 1184/01 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu, 2002, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza pronunċjata fis-7 ta' Ottubru, 2005). *Meta imbagħad tiġi sollevata l-eċċezzjoni li l-persuna mħarrka ma hijiex il-leġittimu kontradittur, dik il-persuna* jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport (fn. 27 Av. Michael Psaila noe v. Joseph Pace et, Ċitaz. Nru. 1236/07, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2008).

*Huwa daqstant ieħor ġuridikament assodat illi* hija ħaġa mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-

allegazzjoni … Il-Qorti ssaqsi: Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibgħuta mis-soċjetà attriċi (*invoices, statements*, ittri) ma kinux qegħdin jindikaw lil min, skont hu, kien verament obbligat, għaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-soċjetà attriċi biex il-patti jkunu kjari mill-bidunett?Għaliex stenna li ssir din il-kawża biex żeffen fin-nofs lis-soċjetà tiegħu, li issa jiddikjara li ma għandhiex fondi? (fn. 28 Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, Ċitaz. Nru. 1337/90 deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April, 1992) u li hu dak il-mument (ossia il-mument tal-kuntrattazzjoni) li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta … jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed kellu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju (fn. 29 Legend Real Estate Ltd. v. Ron Chetcuti, Appell Ċivili Nru. 120/01, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2003).

*Meta l-provi prodotti dwar l-eċċezzjoni hawn trattata, partikolarment il-provi prodotti mill-konvenut u soċjetà kjamata in kawża, jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jirriżulta b'mod ċar li l-konvenut u soċjetà kjamata in kawża ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfaċenti li l-konvenut ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe.*

*Id-dokument Dok. "MP1" a fol. 150 tal-proċess, li ġie esebit mill-konvenut bħala prova li huwa impjegat tas-soċjetà kjamata in kawża u li dejjem, anke fil-konfront tal-atturi pro et noe, aġixxa bħala tali, huwa ddatat 27 ta' April, 2006 u allura l-konvenut ma jistax jiġi kkunsidrat li kien formalment impjegat mal-imsemmija soċjetà qabel tali data. Mill-applikazzjonijiet għall-iżvilupp esebiti bħala Dok. "PA1" sa Dok. "PA3"a fol. 19 sa 23 tal-proċess jirriżulta li dawn ġew iffirmati mill-konvenut fit-18 ta' April, 2006 fir-rigward tal-applikazzjoni bin-numru 2620/06 u tal-applikazzjoni bin-numru 2651/06 u fil-25 ta' Mejju, 2006 fir-rigward tal-applikazzjoni bin-numru 3442/06 u b'hekk jirriżulta li tnejn mill-applikazzjonijiet in kwistjoni żgur ġew iffirmati fi żmien meta l-konvenut ma setax u ma jistax jitqies - fin-nuqqas ta' prova kuntrarja - li kien impjegat u b'hekk mandatarju tas-soċjetà kjamata in kawża.*

*Hija tali prova kuntrarja li fil-fatt hija nieqsa minn dawn il-proċeduri. In effetti ma tressqitx il-konferma* ***bil-ġurament*** *ta' rappreżentant/rappreżentanti tas-soċjetà kjamata in kawża li fir-relazzjoni ġuridika mal-atturi pro et noe l-konvenut kien bħala fatt qed jaġixxi bħala rappreżentant tagħha u mhux f'ismu personali. Għalkemm fl-affidavit tiegħu l-konvenut ripetutament jisħaq li huwa dejjem aġixxa għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kjamata in kawża u li kien jaġixxi direttament fuq istruzzjonijiet ta' Joseph Mangion, direttur tal-imsemmija soċjetà, u li l-atturi pro et noe, partikolarment il-Perit Keith Cole, dan kienu jafuh tant illi l-Perit Cole permezz ta' telefonata kien ikkonferma ma' Joseph Mangion dak li kien qed jgħidlu l-konvenut, għal raġunijiet li jafu biss l-istess konvenut u soċjetà kjamatain kawża dan Joseph Mangion ma tressaqx bħala xhud sabiex jikkonferma u b'hekk jikkorobora* ***bil-ġurament*** *dak kollu allegat mill-konvenut.*

*Minflok ma ressqu lil dan Joseph Mangion, jew rappreżentant ieħor tas-soċjetà kjamata in kawża, bħala xhud, il-konvenut u s-soċjetà kjamata in kawża straħu fuq permess bin-numru PA 04846/00 (fn. 30 Dok. "MP3" a fol. 153 tal-proċess) relattiv għal żvilupp f'sit fi triq ġdida fi Triq Santa Venera, Msida u pjanta mħejjija mill-atturi pro et noe relattiva għall-permess bin-numru PA 4699/93 (fn. 31 Dok. "MP4" a fol. 154 tal-proċess) dwar bini ta' appartamenti u garages x'imkien l-Msida. Tali żewġ permessi però ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-applikazzjonijiet fir-rigward ta' liema l-atturi pro et noe jesiġu ħlasijiet għal servizzi reżi minnhom u b'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala prova valida li s-siti fir-rigward ta' liema ħadmu l-atturi pro et noe huma di proprjetà tas-soċjetà kjamata in kawża. Jiġi osservat ukoll illi ma tressaq l-ebda kuntratt li juri li l-proprjetarja tas-siti in kwistjoni hija fil-fatt is-soċjetà kjamata in kawża, prova din li faċilment setgħet issir iżda li għal raġunijiet għal kollox inspjegabbli ma saritx.*

*Apparte minn hekk għalkemm tramite l-imsemmija pjanta relattiva għall-permess bin-numru PA 4699/93 il-konvenut u s-soċjetà kjamata in kawża jippruvaw jagħtu ad intendere - anzi jittentaw jippruvaw - li l-fond relattiv għal dak il-permess kien ta' Joseph Mangion (ta' min jinnota li mhux qed jgħidu li kien proprjetà tas-soċjetà kjamata in kawża) u li dan Joseph Mangion kien il-klijent tal-atturi pro et noe, mid-dokumenti a fol. 164 sa 168 tal-proċess jirriżulta bl-iktar mod ċar li dak il-permess kien jirreferi għall-fond "Manfred House" 32A, St. Venera Str., Msida, u kien jgħajjat lil ċertu Emanuel Pace u mhux Joseph Mangion. Ma jirriżultax li dan Emanuel Pace għandu jew kellu xi konnessjoni mas-soċjetà kjamata in kawża.*

*Apparte dan kollu u apparte wkoll l-implikazzjonijiet tal-firma tal-konvenut qua applikant u proprjetarju tas-siti fl-Msida u l-Qrendi fuq l-applikazzjonijiet għall-ħruġtal-*

*permess għall-iżvilupp mertu ta' dawn il-proċeduri, il-kontijiet tal-atturi pro et noe għas-servizzi minnhom prestati fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-permess bin-numri 2651/06, 3442/06 u 2620/06 inħarġu f'isem il-konvenut. Il-kont relattivament għall-applikazzjoni għall-permess bin-numru 2651/06 inħareġ fis-16 ta' Mejju, 2007 (fn. 32 Dok. "MZ1" a fol. 42 tal-proċess) u l-kontijiet relattivi għaż-żewġ applikazzjonijiet l-oħra nħarġu fil-5ta' Novembru 2008 (fn. 33 Dok. "MZ2" u Dok. "MZ3" a fol. 43 u 44 tal-proċess). Għalkemm il-konvenut irċieva dawn il-kontijiet huwa qatt ma ġibed l-attenzjoni tal-atturi pro et noe li dawn kellhom jinħarġu mhux fuq ismu iżda f'isem is-soċjetà PJPC Constructions Limited. Anke wara li irċieva ittra uffiċjali mibgħuta mill-atturi pro et noe l-konvenut fl-ebda ħin ma ikkontesta l-pretensjoni tagħhom fuq il-bażi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur tagħhom.*

*B'ittra bla data li waslet għand l-atturi fit-8 ta' Mejju, 2009 (fn. 34 Dok. "MZ4" a fol. 45 tal-proċess), il-konvenut ippremetta li* please refer to your attached letter sent by court order yesterday. It is obvious that we want to avoid court especially knowing that some monies are due. Hence please find enclosed two cheques for Euro 333 and Euro 333.37 respectively covering and settling bill for Qrendi PA 2620/06. As to Permit 3442/06, I am presuming that there has been an erroneous error in its calculation of estimate. Our QS estimates a total not exceeding Lm40,000 approximately i.e. not exceeding Euro100,000. Hence building has not even started and is scheduled for next year somewhere between March and May 2010. I believe the two enclosed cheques of Euro 1,000 each as part payment on this bill should cover well in advance the fees due. As to Permit no. 2651/06, I would appreciate a revision of bills. It was an outline application submitted once if I remember correctly and refused immediately. No appeals or reconsiderations have been done. Please let me know at your earliest as well. While thanking you, kindly accept our dearest apologies forthis delay which basically is due to cashflow problems and definitely not as an intention to avoid paying. *F'din l-ittra imkien ma jingħad illi l-kontijiet mhux qed jiġu aċċettati mill-konvenut għaliex dawn kellhom jinħarġu f'isem is-soċjetà PJPC Constructions Limited u għalkemm l-ittra ntbagħtet fuq letter head tal-imsemmija soċjetà, imkien mill-ittra ma jirriżulta li din kienet qed tintbagħat minn jew għan-nom tas-soċjetà PJPC Constructions Limited. Anzi, il-konvenut sempliċement iffirma f'ismu personali mingħajr ebda indikazzjoni ulterjuri.*

*Għalkemm flimkien ma' din l-ittra l-konvenut bagħat erba' ċekkijiet maħruġa mis-soċjetà PJPC Constructions Limited u dawn ġew aċċettati mill-atturi u anke għaddew biex isarrfu l-istess - fejn wieħed biss mill-erba' ċekkijiet effettivament issarraf - b'daqshekk ma jfissirx li nħolqot relazzjoni ġuridika bejn l-atturi pro et noe u s-soċjetà kjamata in kawża jew b'xi mod l-atturi pro et noe rrikonoxxew li r-relazzjoni ġuridika*

*tagħhom kienet ma' din is-soċjetà u mhux mal-konvenut f'ismu personali u dana billi ai termini tal-Artikolu 1149(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta'* Malta l-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur.

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tirribadixxi li fil-fehma tagħha l-konvenut u s-soċjetà kjamata in kawża ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfaċenti li l-konvenut ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe jew li l-atturi proet noe kienu konxji mill-fatt li l-konvenut ma kienx qed jaġixxi f'ismu personali imma in rappreżentanza tas-soċjetà kjamata in kawża. Għaldaqstant, tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà kjamata in kawża ma humiex ġustifikati u bħala tali għandhom jiġi miċħuda.*

*Il-konsegwenza loġika u ġuridika għal tali konklużjoni tal-Qorti hija li l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mis-soċjetà kjamatain kawża u tgħaddi biex tittratta u tiddetermina t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut li, sa ċertu punt, hija eċċezzjoni li tolqot għat-talba attriċi fil-mertu.*

***It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut - l-ammont pretiż mill-atturi pro et noe huwa inflazzjonat esaġeratament:***

*Fil-mertu l-konvenut jikkontendi li* jinsab infurmat mid-diretturi ta' PJPC Ltd. li huma għandhom kull intenzjoni li jħallsu lill-atturi, kif fil-fatt bdew jagħmlu, imma li l-istess kont huwa inflazzjonat eżaġeratament; l-iktar partita ta' €4,720 hija drittmaħdum bil-perċentwali ta' 3% fuq xogħlijiet stmati li għandhom jiswew €141,600, meta l-*quotation* li ħadu d-diretturi mingħand il-kuntrattur tagħhom hija ta' €52,000, inflazzjoni ta' kważi 300% (fn. 35 It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut). *Għalkemm jidher evidenti li l-konvenut qed iwaqqa' din il-kontestazzjoni fuq is-soċjetà PJPC Constructions Ltd., ladarba ġie stabbilit li l-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe huwa l-konvenut stess u mhux l-imsemmija soċjetà, il-Qorti tqis li għandha xorta waħda tidħol fil-mertu ta' din l-eċċezzjoni u tiddetermina jekk it-talba attriċi kif dedotta fil-konfront tal- konvenut hijiex eżaġerata jew inkella le.*

*L-atturi pro et noe jitolbu l-ħlas tas-somma komplessiva ta' €6,840, bilanċ minn somma akbar rappreżentanti drittijiet professjonali għal servizzi minnhom reżi in konnessjoni ma' proġetti fi Triq is-Sarġ, Msida (żewġ proġetti differenti) u fi Triq Patri Nikol Magri, kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi. Dan l-ammont fil-fatt jikkonsisti: (i) fis-somma ta' €1,786.63 (fn. 36 Ekwivalenti għal LM767) għal servizzi professjonali reżi in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess bin-numru 2651/06 - Triq is-Sarġ, Msida; (ii) fis-somma ta' €4,720 għal servizzi professjonali reżi in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess bin-numru 3442/06 - Triq is-Sarġ, Msida; u (iii) fis-somma*

*ta' €333.37 bilanċ dovut għal servizzi professjonali reżi in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess bin-numru 2620/06 - Triq Patri Nikol Magri kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi (fn. 37 Vide kontijiet a fol. 42 sa 44 tal-proċess).*

*Mistoqsi in kontro-eżami (fn. 38 Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju, 2004, fol. 147 sa 149 tal-proċess) dwar il-kontijiet Dok. "MZ2" u Dok. "MZ3" a fol. 43 u 44 tal-proċess, l-attur il-Perit Keith Cole spjega: fir-rigward tal-kont Dok. "MZ3", li huwa relattiv għal servizzi professjonali reżi in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess bin-numru 2620/06 - Triq Patri Nikol Magri kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi,* huwa maħdum billi jidher ħadna bħala presentaġġi nofs li hemm fit-tariffa li huwa 6% allura nofsu jkun 3%. Hawnhekk għandi half of 6% on estimated cost of construction works consisting of 2 additional floors and penthouse ta' 46,000 euros, 3% of 46,000 jiġi 1,380 less payment on account, imbagħad hemm il-VAT fuqha. …in-nofs ta' 6% għax jekk taqra t-tariffa, it-tariffa hija maqsuma fi tliet fażijiet: l-ewwel fażi hija dik 2% jiġifieri one third of the 6% hija li tissottometti mhux il-MEPAimma dik li mal-klijent tagħmel sketch, tiftiehem, tlesti d-drawings eċċ. It-tieni fażi hija li tissottometti planning application li hija the second third allura jiġi 4% fir-realtà imma aħna lestejna u issottomettejna, ħriġna l-permessi imma ma ħriġniex it-tender, allura ħadna nofs ta' dik il-fażi*. Fir-rigward tal-kont Dok. "MZ2" li huwa relattiv għas-servizzi professjonali reżi in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess bin-numru 3442/06 - Triq is-Sarġ, Msida, l-attur il-Perit Keith Cole spjega* hawnhekk hawn stima l-istess half of 6%, bl-istess loġika ta' qabel u l-istima tal-binihuwa ta' 141,600 euros. Jiġifieri minn hemm ħareġ il-presentaġġ. Għamilna xi discount ta' 248 euros u allura għamilniha fuq bażi ta' 4,000 euros plus il-VAT u allura jitla' għal 4,720 euros. … in-numru ta' sulari ma għandix bl-amment imma hawnhekk għandi miktub fl-istess kont 8 appartamenti u 2 penthouses jiġifieri qednitkellmu fuq għaxar residential units. Ma niftakarx in-numru off hand. *Il-Perit Cole kategorikament ċaħad li f'dan il-każ kien hemm involut biss il-kostruzzjoni ta' sular addizzjonali fuq li kien hemm, iżda saħaq li l-proġett kien jikkonsisti fid-demolizzjoni tal-bini eżistenti u kostruzzjoni ta' żvilupp ġdid.*

*Il-konvenut jilqa' għax-xhieda tal-attur il-Perit Keith Cole billi jikkontendi li:* ngħidilli peress illi jiena nieħu ħsieb il-kotba u l-kontijiet tal-kumpannija l-kont tal-perit ftaħtu jien. Is-sistema tiegħi u tal-kumpanija hija li meta jasal kont niċċekkjah jienqabel ma ngħaddieh lid-Direttur tal-kumpannija u mbagħad jarah id-Direttur u wara li jikkonfermali u jagħtini l-*go-ahead* tiegħu jiena nibgħat il-pagament lil dak li jkun. Meta rċevejna l-kont tal-Perit Cole jiena ftaħtu u ħsibt illi kellu żball fil-kontu dan għaliex jiena rajtu għoli u eżaġerat fil-fehma tiegħi. Kont ħadtu għand id-Direttur u qabel miegħi u ddeċidejt illi nċempel lill-Perit u kellimtu u wegħedni li se jiċċekkja l-

kont. Ngħid illi wara ġimgħa jew tnejn ċempluli mill-bank u avżawni illiċertu Bezzina kien għamilli sekwestru fuq il-kont personali tiegħi. Jiena mort il-bank biex inġib l-informazzjoni u tajtha lill-Avukat tiegħi u sabli li dan il-mandat kien fuq il-kont ta' perit li ma tħallasx. Jiena minn meta kellimtu fuq il-mobajl ma kontx smajt mingħand il-Perit u qatt ma kont nobsor illi, mingħajr lanqas ma jkellimni, kien ser jieħu dawn il-passi kontra tiegħi. … Wara dan, jiena ktibtlu u fissirtlu bil-miktub li naħseb li hemm żball ta' kalkolu, imma baqa' ma weġibnix. …L-oġġezzjoni li kellna dak iż-żmien kienet tikkonċerna l-extension tal-Imsida. Il-binja kienet tikkonsisti fi blokka ta' żewġ garaxxijiet u erba' appartamenti. Eventwalment żdied l-għoli permissibbli f'dik l-area u applikajna biex nibnu żewġ sulari oħra. Meta ġie l-kont, il-Perit ikkalkula li d-dritt tiegħu fuq dawn iż-żewġ sulari jitla' għal kważi €14,000, u talab deposit bil-quddiem ta' 50%. Issa d-dritt tal-perit huwa 6% tax-xogħlijiet; fi kliem ieħor biex 6% jiġi €14,000, qed tgħid li dawn iż-żewġ sulari se jiġu jiswew €233,333. Aħna min-naħa tagħna nikkalkulawilli ż-żewġ sulari in kwistjoni jiġu jiswewlna ċirka €100,000, b'mod illi d-dritt jiġi €6,000; €50,000 għall-bini u €50,000 relatati ma' lift u alterazzjonijiet in konnessjoni mat-tromba tal-lift. Jiena nissuspetta li sar żball fl-*accounting department* tad-ditta ta' periti fejn jaħdem il-Perit Cole, u li kkalkulaw l-ispejjeż tal-blokka kollha, bl-iskavar b'kollox, minflok iż-żewġ sulari addizzjonali biss - imma l-iskavar u l-bini tal-ewwel tlett sulari kien diġà sar qabel, u l-Perit Cole kien diġà tħallas taqgħhom. ... Illum ngħid illi l-oġġezzjonijiet tagħna minn dakinhar 'l hawn żdiedu. Fl-ewwel lok ngħid illi  għadna ma bdejniex l-extension tal-Imsida u ngħid illi jekk nibnuhom żgur li mhux ser inqabbdu lill-Perit Cole. Għaldaqstant, apparti l-valur tal-bini ngħid illi ma aħniex obbligati li nħallsu 6% u lanqas deposit ta' 50% u ta' 6%; meta inti tqabbad perit jagħmillek il-pjanti u imbagħad tiddeċiedi li ma taħdimx bih bħala superviżjoni ta' bini, inti obbligat tħallas 1/3 tad-dritt biss ċioe 2%. Mela minflok 3% għandna nagħtu lill-Perit Cole 2% (ta' €100,000 u mhux  ta' €233,333). Fit-tieni lok ngħid illi l-Perit Cole kien ħa żewġ żbalji fil-pjanti tal-proġett tal-Qrendi. Meta ġejna għall-*compliance,* il-MEPA ndunat li kien hemm żball għaliex il-pjanta tal-faċċata ma kinitx taqbel mal-pjanta ta' ġewwa (ara Dok. MP5 – fn. 39 fol. 155 tal-proċess). Fil-verita dan l-istess żball kien ittieħed diġà meta ġew sottomessi l-pjanti oriġinali, imma f'dak l-istadju l-MEPA ma ndunawx u ndunaw fl-istadju tal-*compliance.* Dan l-iżball tal-Perit Cole swielna €525.10 (Dok. MP 6 – fn. 40 Fol. 156 tal-proċess). Ovvjament kellna nqabbdu Perit ieħor għaliex mal-Perit Cole konna diġà l-Qorti.

*Mix-xhieda tal-konvenut joħroġ ċar illi l-kontestazzjoni tiegħu tittratta dwar is-servizzi prestati mill-atturi fir-rigward tal-iżvilupp ġewwa Triq is-Sarġ, Msida u tal-iżvilupp ġewwa Triq Patri Nikol Magri kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi. Mill-atti proċesswali jirriżulta li ġewwa Triq is-Sarġ, Msida, kien hemm żewġ proġetti li fihom*

*kien involut il-Perit Cole u mill-kontro-eżami tal-konvenut jirriżulta li l-wieħed li dwaru għandu kontestazzjoni huwa dak relattiv għall-permess bin-numru 3442/06 kopert bil-kont Dok. "MZ2" a fol. 43 tal-proċess. B'hekk jirriżulta immedjatament evidenti li l-konvenut ma jidhirx li għandu kontestazzjoni dwar il-kont Dok. "MZ1" afol. 42 tal-proċess ammontanti għal* ***€1,786.63*** *u għaldaqstant dan l-ammont huwa minnu dovut lill-atturi pro et noe.*

*In kwantu rigwarda l-kont relattiv għas-servizzi professjonali prestati in konnessjoni mal-proġett l-ieħor fi Triq is-Sarġ, Msida, ossia l-proġett bil-permess numru 3442/06, il-konvenut kjarament jikkontendi li l-ammont pretiż mill-atturi pro et noe huwa eżaġerat għaliex huwa kkalkulat a bażi ta' proġett intier, ossia bid-demolizzjoni u rikostruzzjoni, u mhux a bażi tal-proġett kif skontu intiż, ossia l-kostruzzjoni ta' sular addizzjonali. Tali kontestazzjoni tal-konvenut però ma treġix stante li kuntrarjament għal dak allegat minnu, l-applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp kienet għal demolition of existing building and re-construct 5 apartments and 2 penthouses and garage (fn. 41 Dok. "PA3" a fol. 23 u 24 tal-proċess). Ladarba t-talba għall-permess kienet proprio għad-demolizzjoni tal-bini eżistenti u rikostruzzjoni ta' bini ġdid - konsistenti appuntu f'ħames appartamenti, żewġ penthouses u garage - jirriżulta ferm ċar li l-atturi pro et noe ħadmu l-ħlas lilhom dovut b'mod korrett. In kwantu rigwarda l-quantum tal-valur tal-proġett, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li turi b'mod sodisfaċenti li l valur li ħadmu fuqu l-atturi pro et noe huwa żbaljat u/jew eżaġerat u l-kalkoli tiegħuli l-atturi ħadmu fuq il-figura ta' €233,333 huma żbaljati stante li mill-kont innifsu jirriżulta li l-atturi ħadmu fuq il-figura ta' €141,600.*

*Mill-affidavit u mill-kontro-eżami tal-Perit Mark Camilleri jirriżulta li l-iżvilupp fuq is-sit kopert bil-permess bin-numru 3442/06, u li dwaru jisħaq il-konvenut fl-affidavit tiegħu, huwa żvilupp ta' żewġ sulari u penthouse fuq il-garages eżistenti fi Triq is-Sarġ, Msida, li ġie intrapriż minn Perit ieħor li bl-ebda mod ma mexa fuq il-pjanti tal-attur il-Perit Keith Cole u b'hekk ma jistax jingħad li l-kalkoli tiegħu għandhom jorbtu lill-atturi pro et noe għall-fini tal-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-konvenut. In effetti fl-affidavit tiegħu (*fn. 42 fol. 183 tal-proċess) *il-Perit Mark Camilleri ddikjarali* l-kumpannija PJPC Constructions Ltd. kienet ukoll talbitni biex nagħmel tifsil u proposta fuq sit ieħor li jinsab fi Tri is-Sarġ, Santa Venera fejn kien sar xi żvilupp liwara kien abbandunat. Ġejt ukoll mitlub nipprepara stima bħala spejjeż neċessarji għal kostruzzjoni. Il-proposta kienet saret u l-istima ġiet maħduma b'mod ġeneriku għal proprjetajiet residenzjali (appartmenti eċċ.) fejn ir-rata ta' circa €110 il-metru kwadru jiġu minfuqa għall-binja fi stat ta' ġebel u saqaf. B'din ir-rata l-ispejjeż ġewilaħħqu €76,300 għall-kostruzzjoni ta' żewġ sulari u penthouse fuq il-garages proprjetà ta' terzi. *In kontro-eżami* (fn. 43 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2015, fol.

200 sa 203 tal-proċess) *b'referenza għal dak minnu dikjarat fil-paragrafu appena ċitat mill-affidavit tiegħu u għall-mistoqsija* Perit naqblu li l-proġett tiegħek kien ikopri żewġ sulari u penthouse jekk jogħġbok? *il-Perit Camilleri wieġeb* iva aħna kien avviċinana Melvin Pulis biex nagħmlu pjanta ta' kif jista' l-iżvilupp fuq il-garages li kien hemm ta' terzi u konna għamilna proposta għal żewġ sulari u penthouse. *Ikkonferma wkoll li l-valur ta' €76,300 kien għal dawn iż-żewġ sulari u penthouse biss u għall-mistoqsija* l-permess li kien hemm fuq din il-binja fi Triq is-Sarġ, f'Santa Venera, inti ikkonsultajt u rajt f'kemm kien jikkonsisti dan l- istess żvilupp skont il-permess maħruġ qablek mill-periti atturi*? il-Perit Camilleri wieġeb* le, aħna ħdimna fuq il-proposta tagħna. Fl-affidavit qed tissemma l-proposta li għamilna aħna.

*Ladarba l-iżvilupp stmat li jiswa €73,600 huwa żvilupp differenti minn dak li ħadmu fuqu l-atturi pro et noe, il-konvenut ma jistax jippretendi li t-tariffi tal-atturi pro et noe għall-fini tas-servizzi professjonali minnhom reżi fir-rigward tal-iżvilupp oriġinali jiġu kkalkulati a bażi tal-iżvilupp differenti propost minn perit ieħor, ossia l-Perit Camilleri.*

*Il-konvenut jikkontendi wkoll illi l-ammont mitlub mill-atturi pro et noe huwa eżaġerat għaliex l-iżvilupp oriġinali fuq is-sit in kwistjoni kif prospettat bil-permess 3442/09 ma ġiex eżegwit u li għall-iżvilupp il-ġdid fuq is-sit mhux se jkunu inkarigati l-atturi imma perit ieħor; fil-fatt jirriżulta li ġie inkarigat il-Perit Mark Camilleri li beda l-proċess għall-kostruzzjoni ta' żewġ sulari u penthouse.*

*Jidher li l-kontestazzjoni tal-konvenut hija bbażata fuq il-paragrafu 11 tat-Tariffa K tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar drittijiet meta l-perit jabbanduna lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent jew ix-xogħlijiet jibqgħu mhux magħmula, senjatament fuq is-subparagrafu (1) tal-imsemmi paragrafu 11.*

*Il-paragrafu 11(1) tat-Tariffa K tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:* 1. Jekk proġett imsemmi fl-paragrafu 10 ta' din it-Tariffa jew parti minnu jkun abbandunat jew jekk il-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-kljent: (a) wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji preliminari biżżejjed biex juru l-interpretazzjoni tal-klijent u wara li jkun għamel stima approsimattiva tal-prezz tal-proġett, id-dritt għandu jammonta għal terz (1/3) tad-drittijiet speċifikati fil-paragrafu 10; (b) wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, għamel stima approssimattiva tal-ispiża, issottometta applikazzjonijiet għal liċenzji għal bini u/jew liċenzji oħra, u pprepara disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol id-dritt għandu jammonta għal żewġ terzi (2/3) tad-dritt speċifikat fil-paragrafu 10.

*Fil-każ in eżami r-rata applikabbli a tenur tal-paragrafu 10 tat-Tariffa K hija dik ta' 6% tal-ispiża stante li ma hemmx kontestazzjoni li l-ispiża tax-xogħol teċċedi €2,329.37.*

*Għalkemm il-konvenut jippretendi li għandha tapplika r-rata ta' 1/3 ta' tali tariffa, minn eżami ta' dak li għamlu l-atturi pro et noe b'referenza għall-permess 3442/06 jirriżulta li fil-każ tagħhom se mai tapplika r-rata ta' 2/3 tat-tariffa a tenur tal-paragrafu 10 stante li x-xogħol li huma wettqu wassal għall-ħruġ effettiv tal-permess fit-18 ta' Awwissu, 2008 - Dok. "KC2" a fol. 54 sa 57 tal-proċess. Minn konsiderazzjoni akkurata tal-kont maħruġ mill-atturi pro et noe - Dok. "MZ2" a fol. 43 tal-proċess - u tax-xhieda in kontro-eżami tal-attur il-Perit Keith Cole mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju, 2014 (fn.44 fol. 147 sa 149 tal-proċess) jirriżulta ferm ċar li l-pretensjoni tal-atturi pro et noe hija addirittura inqas mit-2/3 tar-rata applikabbli a tenur tal-paragrafu 10 stante li 2/3 ta' 6% huwa 4% tal-ispiża u l-pretensjoni tal-atturi pro et noe hija ta' 3% tal-ispiża - b'hekk inqas minn dak lilhom effettivament spettanti ai termini tal- Liġi.*

*B'hekk fid-dawl ta' dan kollu osservat, il-kontestazzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-kont tal-atturi pro et noe għall-valur ta' €4,720 - Dok. "MZ2" a fol. 43 tal-proċess - tirriżulta għal kollox inġustifikata u bla bażi sia fattwali kif ukoll ġuridika u konsegwentement għalhekk anke s-somma ta'* ***€4,720*** *pretiża mill-atturi pro et noe hija lilhom dovuta mill-konvenut.*

*Il-konvenut jikkontesta wkoll il-kont Dok. "MZ3" a fol. 44 tal-proċess relattivament għall-proġett fi Triq Patri Nikol Magri, kantuniera ma' Qrendi ByPass, Qrendi, kopert bil-permess bin-numru 2620/06 fejn l-atturi pro et noe jitolbu l-ħlas ta' €666.37, li minnhom issa fadal bilanċ ta' €333.37.*

*Il-Qorti tibda billi tosserva li kwalunkwe kontestazzjoni tal-konvenut għal tali kont diffiċilment tista' tiġi aċċettata meta huwa kien offra l-ħlas* ***intier*** *ta' dan il-kont permezz ta' żewġ ċekkijiet tal-valur ta' €333.00 u ta' €333.37, b'dan tal-aħħar ma jiġix imsarraf peress li ġie* referred to drawer. *Apparte minn hekk però u fi kwalunkwe każ, l-iskuża minnu sollevata in kontestazzjoni għall-pretensjoni tal-atturi pro et noe relattivament għal dan il-proġett tirriżulta għal kollox infondata permezz ta' xhieda tal-Perit Mark Camilleri li tressaq bħala xhud mill-konvenut stess.*

*Filwaqt li l-konvenut jallega li kien hemm żball fil-pjanti mħejjija mill-attur il-Perit Keith Cole relattivi għal dan l-iżvilupp ġewwa l-Qrendi, tant illi kellhom jiġu inkorsi spejjeż ulterjuri biex dan l-allegat żball jitranġa u jissolva, mix-xhieda tal-Perit Mark Camilleri jirriżulta li l-inkonsistenza kienet bejn il-bini kif mibni u l-permess kif maħruġ skont il-pjanti mħejjija mill-Perit Cole u mhux minħabba żball fil-pjanti tal-Perit Cole. In effetti fl-affidavit tiegħu* (fn. 45 fol. 183 tal-proċess) *l-Perit Mark Camilleri jiddikjara li* jiena kont il-perit inkarigat minn PJPC Constructions Ltd. sabiex nirregolarizza kostruzzjoni li kienet saret mill-istess kumpannija f'PA2620/06 St. Nicholas Court,Triq

Patri Nikol Magri c/w Qrendi ByPass, Qrendi. L-applikazzjoni kienet saret biex tirregolarizza xi tibdil fuq ġewwa kif ukoll fil-faċċata tal-istess binja. Wara ġejt mitlub ċertifikat ta' "Compliance" li sussegwentement *preparajt u in kontro-eżami ċċara li* kienu tawni kopja tal-permess li kien inħareġ, iċċekjajna fuq il-post għax kien hemm diverġenzi u applikajna biex inġibuh konformi. *Għall-mistoqsija* jiġifieri li qiegħed tgħid diverġenzi kien hemm bini li ma sarx skont il-permess li kien digà maħruġ? il-Perit Camilleri wieġeb iva skont il-permess li kien digà maħruġ naqblu.

*Ladarba l-inkonsistenza kienet fil-mod kif sar il-bini u mhux fil-pjanti mħejjija mill-Perit Cole, il-konvenut ma għandu l-ebda bażi fuq liema jikkontesta l-pretensjoni tal-atturi pro et noe għall-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-kont Dok. "MZ3" a fol. 44 tal-proċess. Konsegwentement għalhekk is-somma ta'* ***€333.37*** *hija dovuta mill-konvenut lill-atturi pro et noe.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u bħala tali ma tistax u ma għandhiex tiġi milqugħa.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

1. *In segwitu għad-Digriet datat l-1 ta' Ġunju, 2010, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut;*
2. *Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża u tiddikjara li l-konvenut huwa l-leġittimu kontradittur tal-atturi pro et noe;*
3. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà kjamata in kawża;*
4. *Tiċħad it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut;*
5. *Tilqa' t-talba attriċi kif dedotta fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi pro et noe s-somma ta' €6,840, bl-imgħax legali dekoribbli mis-6 ta' Jannar, 2010, id-data tal-preżentata tar-Risposta tal-konvenut, sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk relattivi għas-soċjetà kjamata in kawża, u inklużi wkoll dawk ta' l-Ittra Uffiċjali ppreżentata kontra l-konvenut fit-30 ta' April 2009 u tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru ippreżentati kontestwalment mar-Rikors promotur, huma a karigu tal-konvenut."*

## Ir-Rikors tal-Appell

16. L-appellanti **Melvin Pulis** u **PJPC Constructions Limited** ressqu l-appell tagħhom minn din id-deċiżjoni fid-9 ta' Novembru, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"... sabiex tannulla, tħassar u tirrexxindi s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati nhar id-19 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet* Perit Arkitett Alexander Bezzina u l-Perit Arkitett Keith Cole f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà BAC Ltd vs. Melvin Pulis *u b'Digriet tal-1 ta' Ġunju 2010 ġiet kjamata in kawża s-soċjetà PJPC Constructions Limited (Avviż Numru 255/2009 GV) u dan billi tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut u mill-kjamat fil-kawża, inkluż dawk imressqa f'dan l-istadju ta' appell, u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati* proprio et nomine.*"*

17. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex hemm problema ta' interess ġuridiku kemm f'dak li jirrigwarda t-talba kif imressqa għan-nom tal-Periti Bezzina u Cole f'isimhom personali kif ukoll għal dak li jirrigwarda t-talba kif imressqa għan-nom tal-kumpannija BAC Limited. Qalu li fl-ewwel lok, l-interess ġuridiku tal-atturi huwa rekwiżit li jrid jiġi ppruvat minnhom anke fin-nuqqas ta' eċċezzjoni dwar dan, tant hu hekk li l-Qorti nnifisha hija responsabbli sabiex tqajjem *ex officio* kwistjonijiet dwar nuqqas ta' interess ġuridiku, u kemm il-Qorti kif ukoll kull partijiet jistgħu jagħmlu dan fi kwalunkwe stadju, suġġett għad-drittijiet tal-partijiet li jressqu provi u sottomissjonijiet fl-istadju li fih jitqajmu tali kwistjonijiet. Qalu li mal-ewwel daqqa t'għajn huwa stramb kif l-atturi *proprio* qegħdin jippretendu li huma kredituri flimkien mal-kumpannija BAC Limited, u li huwa ferm diffiċli li wieħed jifhem kif il-kredituri jistgħu jkunu l-atturi kollha

f'daqqa u solidalment, għaliex ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar dan fl-ebda stadju tal-kawża, kif lanqas ma ngħatat spjegazzjoni dwar kif daħlet fix-xena BAC Limited. Qalu wkoll li l-persuni li ħadmu fuq il-proġetti u l-kontijiet relattivi jidhru li kienu l-Perit Cole, is-*surveyor* Eric Casha u s-segretarja amministrattiva Marisa Zammit. Qalu li l-Perit Cole kien ħadem fuq il-proġetti personalment u jgħid li huwa *partner* fid-ditta ta' Periti Bezzina & Cole, li huwa jirreferi għaliha bħala *partnership,* jgħid li huwa direttur ukoll ta' BAC Limited, u li l-Perit Bezzina huwa l-*partner* tiegħu kemm f'Bezzina & Cole Limited kif ukoll f'BAC Limited. Qalu li l-Perit Cole ma jagħti ebda spjegazzjoni ulterjuri dwar l-involviment tal-Perit Bezzina, jew dwar kif il-kumpannija BAC Limited daħlet fl-istorja. Żiedu jgħidu li Eric Casha jgħid li jaħdem mal-Periti Bezzina u Cole, u imkien ma jsemmi la d-ditta Bezzina & Cole u lanqas lill-kumpannija BAC Limted, filwaqt li Marisa Zammit qalet li taħdem ma' Bezzina & Cole, li għaliha huma l-Periti Bezzina u Cole. L-appellanti komplew jgħidu li l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Periti jipprovdi dwar kif jiġu reġistrati ditti ta' periti bħala soċjetajiet ċivili, u jagħmilha ċara li periti li jiffurmaw soċjetà ċivili simili jaġixxu 'f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà', b'mod illi tali soċjetà takkwista personalità ġuridika awtonoma u indipendenti mill-personalità tas-soċji tagħha, u l-istess Att jagħmilha ċara li l-ebda perit ma jista' jidħol fl-ebda ftehim mal-ebda perit ieħor jew persuna oħra sabiex jillimita r-responsabbilità professjonali tiegħu, l-ebda perit ma jista' jifforma *limited liability company* sabiex jeżerċita l-professjoni, iżda jista' jeżerċita l-professjoni biss f'ismu personali jew f'isem soċjetà ċivili ma' perit jew periti oħra, u b'hekk perit jista' jifforma kumpannija biex jipprovdi servizzi li huma anċillari għall-professjoni tiegħu, u li ma jkunux jirrikjedu l-*warrant* ta'

perit, iżda ma jistax jipprovdi s-servizzi mertu ta' din il-kawża tramite kumpannija b'responsabbilità limitata.

21. L-appellanti komplew jgħidu li fir-rigward tal-mertu ta' din il-kawża, dan ifisser li jekk kif qed jiddikjaraw espressament kemm il-Perit Cole, kemm is-*surveyor* Casha u kemm is-segretarja Zammit, is-servizzi ngħataw tramite d-ditta Bezzina & Cole, l-ittra uffiċjali u l-kawża stess kellhom jinħarġu u jiġu ppreżentati u jitmexxew f'isem id-ditta Bezzina & Cole, kif fil-fatt ħarġu l-kontijiet. Qalu li f'dan il-każ il-*partnership* għandha personalità ġuridika distinta u awtonoma minn dik tal-*partners* tagħha, u għalhekk il-Periti Bezzina u Cole *proprio* m'għandhomx interess ġuridiku fir-rigward tal-kontijiet *de quo.* Qalu wkoll li huwa ċar mill-atti tal-kawża li l-konvenut qatt ma kellu x'jaqsam mal-Perit Bezzina, li jidher li ddaħħal fl-okkju tal-kawża esklussivament għaliex huwa *partner* ta' Bezzina & Cole; u dan ikompli juri kemm ix-xogħol sar minn Bezzina & Cole u mhux mill-Perit Cole personalment, li ma jiġġustifikax la li l-kawża ssir f'isem il-Perit Cole *proprio* u lanqas li jiżżeffen fin-nofs il-Perit Bezzina *proprio.*

22. B'riferiment għad-ditta BAC Limited, l-appellanti jsostnu li kieku l-Periti Bezzina u Cole joħorġu l-kontijiet tagħhom għal servizzi li jirrikjedu l-*warrant* ta' perit f'isem kumpannija b'responsabbilità limitata, huma jkunu qegħdin jiksru liġi li hija ta' ordni pubbliku, għaliex il-Periti ma jistgħux jeżerċitaw il-professjoni u joħorġu kontijiet bħala *limited liability company.* Qalu wkoll li fil-fatt il-kontijiet mertu ta' dawn il-proċeduri ħarġu fuq *letterhead* ta' 'Bezzina & Cole Architects and Civil Engineers', u BAC Limited tissemma biss *in calce,* fejn hemm id-diċitura 'BAC Ltd.' u l-indirizz. L-appellanti qalu li preżumibbilment dan

għaliex din il-kumpannija tintuża biss biex isir il-*payroll* u jiġu pproċessati l-ħlasijiet, u din il-kumpannija qatt ma kellha xi forma ta' interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri, u qatt ma messha ssemmiet fl-okkju tal-kawża.

23. L-appellanti qalu li mill-assjem tal-provi jirriżulta li l-unika persuna li kellha l-interess ġuridiku sabiex tmexxi din il-kawża 'l quddiem kienet is-soċjetà ċivili Bezzina & Cole, li l-eżistenza tagħha tirriżulta mix-xhieda tal-Perit Cole innifsu, apparti li l-appellanti huma tal-fehma li tali soċjetà hija debitament irreġistrata mal-Kamra tal-Periti u tali informazzjoni hija pubblika, u minn dan isegwi li l-ebda wieħed mill-atturi f'din il-kawża ma kellu l-interess ġuridiku biex jippromwoviha.

24. L-appellanti qalu wkoll li huma ma jaqblux mal-apprezzament tal-provi li saret fis-sentenza appellata dwar l-ewwel eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-imsejħa fil-kawża, u b'mod partikolari jgħidu li l-konvenut kien impjegat mas-soċjetà msejħa fil-kawża indipendentement mill-fatt li l-formola fil-bidu tal-impjieg tiegħu setgħet daħlet tardivament. Qalu wkoll li l-Perit Bezzina kien preċedentement ġie mqabbad minn Joseph Mangion sabiex jaħdem fuq l-istess siti indipendentement mill-fatt li l-applikazzjoni dakinhar saret f'isem il-persuna li kienet qiegħda tbiegħ. L-appellanti qalu li filwaqt li l-Perit Cole ċaħad li qatt issemmiet il-kumpannija PJPC Constructions Limited, qatt ma ċaħad li jaf lil Joseph Mangion u li tkellem miegħu u li kien jaf li Mangion kien bagħat lill-konvenut għandu. Qalu li dan l-assjem tal-provi jindika li għalkemm x'aktarx li l-perit seta' ma kienx jaf li Mangion jopera bħala PJPC Constructions Limited, kien

jaf li l-konvenut kien sempliċi impjegat, u li kien hu li ħa d-deċiżjoni li l-konvenut jitniżżel bħala applikant.

25. L-appellanti qalu wkoll li qatt ma kien hemm ebda intenzjoni li titwaqqa' u li terġa' tinbena l-binja fi Triq is-Sarġ, l-Imsida, u li kien biss suġġeriment tal-Perit Cole li l-applikazzjoni ssir bil-mod kif saret sabiex jiġi ġustifikat it-tkabbir fin-numru ta' garaxxijiet. Żiedu jgħidu li ma jistax ikun li l-Perit Cole ma kienx jaf li fis-sular t'isfel kien baqa' proprjetà ta' ċertu Emanuel sive Leli Pace, u li qatt ma kien hemm il-ħsieb li dan jitwaqqa', u l-iskop tal-proġett kien jinvolvi biss iż-żieda ta' sulari u alterazzjonijiet żgħar fis-sular sottostanti.

26. L-appellanti qalu wkoll li t-tariffa ta' 3% jew ta' nofs is-6% imsemmija fil-kontijiet, kienet tikkonsisti fi 2% għad-disinn tal-pjanti, it-tariffa ta' 2% relattiva għall-proċess tal-applikazzjoni, liema tariffa ġiet skontata peress li l-proċess ma ġiex ikkompletat, u dan ifisser li l-ewwel tariffa relattiva għad-disinn tal-pjanti kienet dovuta fil-mument li ġew kompletati tali pjanti. Żiedu jgħidu li in vista tal-fatt li l-applikazzjonijiet saru f'April u Mejju tal-2006, il-kontijiet relattivi ġew preskritti bid-dekors ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2149 (ċ) tal-Kap. 16 ħafna qabel ma ġiet intavolata l-ittra uffiċjali ta' April tal-2009. Komplew jgħidu li l-fatt li qabel ma ġiet intavolata l-ittra uffiċjali f'April tal-2009, baqgħu jiġu pprovduti servizzi oħra, huwa irrilevanti u l-fatt li l-appellanta PJPC Constructions Limited offriet ħlas ma jġibx ir-rinunzja tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenut.

## **Ir-Risposta tal-Appell**

27. L-appellati wieġbu li r-rikors tal-appell kif intavolat huwa inkonċepibbli mil-lat fattwali, u null mil-lat legali. B'riferiment għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti,

l-appellati qalu li s-soċjetà msejħa fil-kawża ma ġiet ikkundannata tħallas xejn u għalhekk mil-lat fattwali din is-soċjetà ma kellhiex tintavola appell mis-sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2020, stante li hija qatt ma setgħet tħoss ruħha aggravata mill-istess sentenza. Komplew jgħidu li mhux biss dan l-appell huwa inkonċepibbli mil-lat fattwali, iżda ladarba l-appell sar b'mod konġunt, dan huwa null u bla effett mil-lat legali, għaliex is-soċjetà msejħa fil-kawża ma għandha l-ebda interess ġuridiku li tressaq dan l-appell. Qalu wkoll li l-appell huwa ntiż sabiex jidentifika fejn ħassew ruħhom aggravati l-appellanti fis-sentenza appellata, u sabiex jittrattaw l-aggravji u l-lanjanzi tagħhom. Żiedu jgħidu li fil-każ odjern, sar appell konġunt ma' min ġie effettivament liberat fis-sentenza, u għalhekk dan l-appell huwa null.

28. B'riferiment għall-ewwel aggravju, l-appellati qalu li din l-eċċezzjoni ma kellhiex titressaq fl-istadju ta' appell, iżda li semmai kellha titressaq qabel. Qalu li l-fatt li l-Qorti tista' tqajjem din il-lanjanza *ex officio,* ma jfissirx li l-appellanti għandhom ukoll din l-istess fakoltà, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud. L-appellati għamlu riferiment għax-xhieda ta' Marisa Zammit, li qalet li hija taħdem bħala *administrative secretary* ma' Bezzina & Cole, u mill-kontijiet mibgħuta jirriżulta li dawn intbagħtu għan-nom tal-Periti Alexander Bezzina u Keith Cole. Is-*surveyor* Keith Casha wkoll ikkonferma li huwa jaħdem mal-Periti Bezzina u Cole, u l-Perit Keith Cole fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa jaħdem mal-Perit Alexander Bezzina bħala *partner* f'ditta ta' periti. Qalu li anki l-formula taċ-*change of architect* ġiet iffirmata mill-Perit Keith Cole, u dan kollu ġie aċċettat mill-konvenut appellant. Qalu li għalhekk huwa inkonċepibbli kif issa dan qiegħed iqajjem din il-lanjanza dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku. L-appellati

komplew billi ċċitaw mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn intqal li meta kwistjoni tkun tirrigwarda d-determinazzjoni dwar jekk ir-relazzjoni ġuridika ġietx istitwita ma' soċjetà b'responsabbilità limitata, jew inkella ma' individwu f'ismu personali, huwa assodat illi meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabbilità limitata, u għaldaqstant minn personalità ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan bl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha.

29. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellati qalu li minn eżami tad-dokumentazzjoni ppreżentata lill-MEPA dwar il-proġetti mertu ta' dawn il-proċeduri, joħroġ ċar u tond li kien il-konvenut Melvin Pulis f'ismu personali li ffirma dawn id-dokumenti kemm bħala applikant kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' *declaration of ownership.* Qalu li l-firma tiegħu ġiet ikkonfermata minnu stess, inkluż fil-kontro-eżami li sarlu. Qalu li mill-provi ħareġ ukoll li l-kumpannija PJPC Constructions Limited qatt ma kienet issemmiet qabel, ħlief bil-mod kif spjegat minn Marisa Zammit, l-*administrative secretary* tal-appellati. L-appellati qalu li jrid jiġi sottolineat li l-kontijiet mertu ta' dawn il-proċeduri dejjem inħarġu fuq u intbagħtu lil Melvin Pulis personalment, u li Melvin Pulis baqa' qatt ma ilmenta dwar dan il-fatt mal-atturi. Qalu li kien biss fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu li l-appellant qal li l-kontijiet mhumiex dovuti minnu iżda mill-kumpannija. Qalu li kieku dak li qiegħed jiġi allegat kien minnu, l-appellant kien jieħu ħsieb jissenjala lill-appellati mill-bidu li huwa m'għandux x'jaqsam mal-kontijiet li kien qiegħed jirċievi, partikolarment meta wieħed iqis li dan kien il-*financial controller* tas-soċjetà imsejħa fil-kawża. L-appellati qalu wkoll li wara li ntbagħtet l-ittra uffiċjali tat-30 ta' April, 2009 lil Melvin Pulis, l-

appellant naqas milli jwieġeb għal din l-ittra uffiċjali. Qalu wkoll li meta mtliet iċ-*change of architect form,* mill-Perit Mark Camilleri, dan ikkonferma li huwa kien ingħata l-inkarigu minn Melvin Pulis.

30. L-appellati qalu wkoll li l-imsejħa fil-kawża ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni tagħha li l-konvenut Melvin Pulis huwa estraneju għal dawn il-proċeduri. Qalu li lanqas kopja tal-kuntratt ta' akkwist ma ġiet esebita sabiex għallinqas jintwera jekk din il-proprjetà tgħajjatx lil Melvin Pulis jew lis-soċjetà PJPC Constructions Limited.

31. Rigward id-dokumenti esebiti minn Pulis, l-appellati bdew billi għamlu riferiment għall-kopja tal-formula tal-ETC ippreżentata minnu. Qalu li d-*date of commencement* fuq din il-formula ġiet indikata bħala l-31 ta' Ottubru, 2005, filwaqt li d-data tad-dikjarazzjoni jew tal-formula hija s-27 ta' April, 2006. Qalu li fuq kollox m'hemm xejn fuq din il-formula li juri li din ġiet sottomessa lill-ETC, u li dan id-dokument ma jistax jitqies bħala dokument uffiċjali jew prova li Melvin Pulis huwa impjegat mal-imsejħa fil-kawża. L-appellati osservaw ukoll li n-numru tal-karta tal-identità tal-prinċipal imniżżel fuq din id-dikjarazzjoni jikkorrispondi ma' dak ta' Melvin Pulis. L-appellati qalu li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax min huma l-azzjonisti tas-soċjetà PJPC Constructions Limited, u lanqas ma jitfgħu dawl dwar min huma d-diretturi ta' din il-kumpannija. B'riferiment għal dokumenti oħra esebiti, l-appellati qalu li dawn mhumiex kompluti. L-appellati għamlu riferiment ukoll għall-kopja tal-kont maħruġ mill-Perit Mark Camilleri u qalu li l-Perit stess xehed li l-*compliance certificate* ma setax jinħareġ għaliex il-bini ma sarx skont il-permess u mhux għaliex kien hemm xi żball riskontrat fil-pjanti tal-periti appellati. L-appellati qalu li kien hemm

obbligu da parti tal-konvenut li jippreżenta għadd ta' dokumenti oriġinali, kif anki vverbalizzat mill-avukat difensur tiegħu, iżda għal xi raġuni dan baqa' ma sarx.

32. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanti, l-appellati qalu li irrispettivament mill-intenzjoni li ssemmiet fl-appell, dan ma jirriżultax mill-provi prodotti fil-kawża.

33. Dwar ir-raba' aggravju tal-appellanti, l-appellati qalu li sabiex jitressaq dan l-aggravju, irid jintalab permess lill-Qorti. Qalu wkoll li l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellant u mill-imsejħa fil-kawża jmorru kontra t-teżi tal-preskrizzjoni li qiegħda tiġi avvanzata, partikolarment meta dawn spjegaw ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom il-kont u dak pretiż mill-appellati huwa esaġerat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

34. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanti, iżda fl-ewwel lok sejra tibda billi tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mill-appellati li dan l-appell ma setax jiġi propost kif inhu b'mod konġunt bejn Melvin Pulis u s-soċjetà msejħa fil-kawża, u dan għaliex din tal-aħħar ġiet essenzjalment liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk la ġiet ikkundannata tħallas xi parti minn dak li huwa dovut lill-appellati u lanqas ma ġiet ikkundannata tħallas xi parti mill-ispejjeż tal-kawża. Fil-fatt jirriżulta li l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha kkonkludiet li huwa l-appellant Melvin Pulis li għandu jwieġeb għat-

talbiet attriċi, u dan stante li wara li ġew ikkonsidrati l-provi li tressqu, ġie stabbilit li kien Pulis f'ismu personali li bena relazzjoni ġuridika mal-atturi, filwaqt li ma nġabet l-ebda prova konvinċenti li huwa kien impjegat mal-imsejħa fil-kawża fiż-żmien rilevanti. In vista tal-fatt li l-imsejħa fil-kawża ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tappella mill-parti tad-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tagħha, għaliex din essenzjalment ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, il-Qorti sejra tqis li dan l-appell sar minn Melvin Pulis waħdu, għaliex is-soċjetà PJPC Constructions Limited ma kellha l-ebda raġuni għal xiex tappella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Il-Qorti tqis li mhumiex korretti l-appellati jgħidu li dan l-appell huwa legalment null ladarba sar b'mod konġunt bejn Pulis f'ismu personali u l-imsejħa fil-kawża, u fil-fatt il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravji sollevati fir-rikors tal-appell daqs li kieku l-appell sar minn Pulis waħdu.

*L-ewwel aggravju:* *[l-interess ġuridiku tal-appellati]*

35. L-appellant jgħid li huwa ħass ruħhu aggravat bin-nuqqas ta' interess ġuridiku stante l-mod ta' kif saret it-talba għan-nom tal-Periti Bezzina u Cole f'isimhom personali u għan-nom ta' BAC Limited. Qal li huma l-appellati li jridu jippruvaw li huma għandhom l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovu din l-azzjoni, għaliex mad-daqqa t'għajn mhux ċar għal liema raġuni l-atturi *proprio* qegħdin jippretendu li huma kredituri flimkien mal-kumpannija BAC Limited, u huwa diffiċli li wieħed jifhem kif il-kredituri jistgħu jkunu l-atturi kollha f'daqqa u solidalment bejniethom. L-appellant qal li filwaqt li l-Perit Cole ħadem fuq il-proġetti personalment, u qal li huwa msieħeb fid-ditta Bezzina & Cole, qal ukoll li huwa direttur ta' BAC Limited, u li hu u l-Perit Bezzina huma *partners* f'din id-

ditta. Minkejja dan, l-appellant qal li huwa ma jafx BAC Limited u l-Perit Bezzina kif daħlu fl-istorja, u dan għaliex impjegati tal-Periti li taw ix-xhieda tagħhom, senjatament Eric Casha u Marisa Zammit, it-tnejn xehdu li huma jaħdmu mal-Periti Bezzina u Cole. L-appellant żied jgħid li skont l-Att dwar il-Periti, periti li jiffurmaw soċjetà ċivili jaġixxu *'f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà'*, b'mod li tali soċjetà takkwista personalità ġuridika awtonoma u indipendenti mill-personalità tas-soċji tagħha. Qal ukoll li l-ebda perit ma jista' jifforma *limited liability company* sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu, iżda jista' jeżerċita l-professjoni biss f'ismu personali jew f'isem soċjetà ċivili ma' perit jew periti oħra.

36. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex is-servizzi ngħataw f'isem id-ditta Bezzina & Cole, u għalhekk fil-fehma tiegħu l-ittra uffiċjali u l-kawża kellhom jiġu ppreżentati f'isem id-ditta Bezzina & Cole, hekk kif inħarġu l-kontijiet li ntbagħtu lilu. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu x'jaqsam mal-Perit Bezzina, li jidher li ddaħħal fil-kawża għaliex huwa *partner* f'Bezzina & Cole, u għalhekk ladarba x-xogħol sar minn Bezzina & Cole, il-kawża ma setgħetx issir la mill-Perit Cole u lanqas mill-Perit Bezzina *proprio.* Qal ukoll li Bezzina u Cole ma setgħux joħorġu kontijiet f'isem BAC Limited għal servizzi li jirrikjedu l-*warrant* ta' perit, għaliex jekk jagħmlu hekk, huma jkunu qegħdin jiksru liġi ta' ordni pubbliku. Qal ukoll li huwa ma kellu ebda relazzjoni ma' BAC limited, u din il-kumpannija qatt ma messha ssemmiet fl-okkju tal-proċeduri odjerni, għaliex din ma jistax ikollha interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri. L-appellant kompla jgħid li mill-provi għandu jirriżulta li l-unika persuna li kellha interess ġuridiku sabiex tmexxi din il-kawża 'l quddiem kienet is-soċjetà ċivili Bezzina & Cole.

37. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Pietro Paolo Borg *vs.* Giuseppe Caruana**, tat-3 ta' Diċembru, 1984 (Vol. LXVIII.II.233) fejn ġie ritenut illi:

> *"In tema legali jiġi stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura tal-azzjoni (Vol. XXXVII.II.608); u r-rekwiżit tal-interess hu indispensabbli għall-proponibbilità tad-domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII.I. 507). L-interess hu l-bażi tal-azzjoni (Vol. XXIX.I.891) u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX.I.317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi r-riżultament vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. Li l-interess irid ikun ġia twieled, irid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII.I.108; Vol. XXXVII.I.57; XXXVII.II.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXXIII.II.317)."*

38. Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti għandu jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-Perit Cole kien il-perit li ppresta s-servizzi mitluba mill-appellant, u għalhekk m'hemm l-ebda dubju li dan għandu interess jassigura li jitħallas għas-servizzi mogħtija minnu. Dan l-interess jissussisti aktar f'każ li jirriżulta li dan il-Perit hu imsieħeb f'*partnership* ma' perit ieħor, il-Perit Bezzina, u f'dan l-uffiċċju huma jimpjegaw għadd ta' persuni, fosthom uħud li xehdu f'dawn il-proċeduri. Il-fatt li l-Perit Cole u l-Perit Bezzina huma sħab u bejniethom jiġġestixxu l-uffiċċju permezz tas-soċjetà ċivili Bezzina & Cole, ma jnaqqas xejn mill-interess li għandhom dawn l-individwi f'isimhom proprju sabiex iniedu proċeduri ta' din ix-xorta, anki jekk l-appellant jgħid li huwa qatt ma inkariga jew b'xi mod ikkomunika mal-Perit Bezzina rigward dan ix-xogħol. Il-fatt li l-appellant ma kienx jaf jew qiegħed jgħid li ma kienx jaf li l-Perit Cole huwa sħab mal-Perit

Bezzina fl-uffiċċju li jmexxu, ma jneħħi xejn mill-obbligi tiegħu li jħallas lill-Perit Cole għax-xogħol li dan wettaq. L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu spjega li huwa kkonferma li d-ditta Bezzina & Cole mhux biss teżisti, iżda wkoll hija debitament irreġistrata mal-Kamra tal-Periti, u għalhekk m'hemm xejn straordinarju fil-fatt li l-imsieħba f'din id-ditta aġixxew f'isimhom personali sabiex jassiguraw li jitħallsu dak li huwa dovut lilhom. L-appellant ma ġab l-ebda prova dwar l-arranġamenti ta' ħlas li għandu l-uffiċċju Bezzina & Cole. Dak li normalment jiġri huwa li ditti legali jew ditti ta' periti fejn il-professjonisti jkunu sħab f'uffiċċju, iħaddmu sistema fejn dak li jaqla' kull wieħed mill-imsieħba jkun qligħ għall-uffiċċju u mhux għalih personali, u dan l-introjtu jintuża biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-tmexxija tal-uffiċċju, inkluż il-pagi tal-impjegati. Huwa għalhekk li l-Qorti tqis li l-Perit Bezzina għandu l-interess ġuridiku rikjest sabiex jassigura li dak li huwa dovut lill-uffiċċju li jmexxi flimkien mal-Perit Cole, jiġi mħallas. Spiss jiġri wkoll, li ditti ta' periti jew ta' professjonisti li ma jistgħux jipprovdu servizzi permezz ta' *limited liability company,* ikollhom taqsima tal-uffiċċju li tkun kostitwita bħala soċjetà b'personalità ġuridika distinta mill-kumplament tal-uffiċċju, sabiex din tipproċessa l-*payroll* u l-ħlasijiet li jkunu jridu jsiru jew jinġabru. Huwa għalhekk li l-appellant ingħata struzzjonijiet fil-kont mibgħut lilu, joħroġ *cheque* f'isem BAC Limited. Għal darb'oħra l-Qorti qiegħda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha abbażi ta' dak li normalment jiġri f'sitwazzjonijiet simili. Il-fatt li minkejja li ntalab jagħmel il-ħlas lil BAC Limited, l-appellant baqa' inadempjenti, għandu jitqies bħala raġuni suffiċjenti sabiex jitqies li BAC Limited għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna. Mhux kompitu tal-appellant li jistaqsi jew li f'dan l-istadju jipprova jqajjem dubji dwar x'inhuma l-arranġamenti finanzjarji li għandhom il-

Periti Bezzina u Cole fl-uffiċċju tagħhom. Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li tali eċċezzjoni kellha titressaq mill-appellant fi stadju ferm aktar bikri tal-proċeduri, u f'kull każ mhux quddiem din il-qorti ta' reviżjoni, għaliex kif inhuwa ben risaput f'dan l-istadju la jistgħu jinġabu provi ġodda u lanqas ma jistgħu jinġiebu xhieda biex jispjegaw ċerti fatti. Il-Qorti iżda tinsab konvinta li f'dan il-każ il-proċeduri odjerni ġew promossi minn min għandu interess ġuridiku li jippromwovihom. Tqis għalhekk illi dan l-aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-appellant ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti]*

39. L-appellant qal li huwa ma jaqbilx mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti, u li abbażi tagħhom waslet għall-konklużjoni li ma nġabux provi sufficjenti li fiż-żmien rilevanti Melvin Pulis kien impjegat ta' PJPC Constructions Limited. L-appellant qal li mill-provi kellu jirriżulta li preċedentement il-Perit Cole kien għamel xogħol għal PJPC Constructions Limited, u kien diġà tqabbad jagħmel xi xogħol fuq is-sit minn Joseph Mangion, direttur tal-imsemmija kumpannija, u l-Perit Cole qatt ma ċaħad li huwa kien jaf li l-appellant intbagħat minn Mangion. Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li huwa l-appellant f'ismu personali li għandu jagħmel tajjeb għall-ħlasijiet pretiżi.

40. Din il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li kemm il-Perit Cole innifsu kif ukoll ix-xhieda prodotti mill-appellati fil-kawża, ilkoll semmew li kien l-appellant f'ismu personali li avviċinahom u li tahom l-inkarigu rigward għadd ta' proġetti. Jintqal ukoll li isem u l-firma ta' Melvin Pulis dehru fuq id-dokumenti kollha

rilevanti, partikolarment fuq id-dokumenti li tressqu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, u fuq iċ-*change of architect form.* Anki l-Perit Mark Camilleri li ngħata l-inkarigu meta kien hemm bidla fil-Perit, xehed li huwa kkomunika u ngħata l-inkarigu tiegħu minn Melvin Pulis innifsu, u imkien ma ssemmiet il-kumpannija PJPC Constructions Limited. Jintqal ukoll li prova kruċjali oħra li baqgħet ma nġabitx, kienet il-kuntratt tal-akkwist tal-artijiet in kwistjoni, sabiex jiġi stabbilit min huwa verament is-sid tal-artijiet, jew inkella kopja tal-kuntratt ta' impjieg ta' Melvin Pulis mas-soċjetà PJPC Constructions Limited. Tali provi, li setgħu kienu kruċjali sabiex jagħtu raġun lill-appellant fl-allegazzjonijiet imressqa minnu, partikolarment fir-rigward tal-fatt li huwa kien impjegat ma' PJPC Constructions Limited u li huwa dejjem aġixxa f'isem u għan-nom ta' din il-kumpannija fl-involviment tiegħu mal-appellati, huma nieqsa kompletament. Irid jintqal ukoll li l-appellant xehed li huwa kien jaf li meta tniżżel ismu fuq il-formuli tal-Awtorità tal-Ippjanar, huwa kien qiegħed jidħol responsabbli għall-proġett f'għajnejn l-awtoritajiet, iżda minkejja dan m'għamel xejn biex jiġbed l-attenzjoni tal-Perit Cole jew saħansitra tal-Perit Camilleri, li ismu m'għandux jitniżżel fuq dawn id-dokumenti. Jekk huwa minnu dak li qiegħed jallega l-appellant permezz ta' diversi eċċezzjonijiet u b'dan l-aggravju, kien hemm diversi provi li huwa seta' jressaq sabiex juri x'kien eżattament l-involviment tiegħu f'dawn il-proġetti. Iżda minn dan kollu ma tressqet l-ebda prova, għajr għall-formula tal-ETC li tindika li l-impjieg tal-appellant ma' PJPC Constructions Limited beda wara li huwa kien diġà ta l-inkarigu lill-Perit Cole. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti qiegħda taqbel mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti, u għalhekk qiegħda tiċħad dan it-tieni aggravju wkoll.

*It-tielet aggravju:* *[l-ebda intenzjoni li l-blokka fi Triq is-Sarġ, l-Imsida, titwaqqa' kollha]*

41. L-appellant qal li qatt ma kienet li l-intenzjoni li l-blokka fi Triq is-Sarġ titwaqqa' kollha u tinbena mill-ġdid, u kien biss fuq suġġeriment tal-Perit Cole li l-applikazzjoni saret b'dan il-mod sabiex jiġi ġġustifikat it-tkabbir fin-numru ta' garaxxijiet.

42. Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti mhux faċli li wieħed jasal biex jiddetermina x'kienet l-intenzjoni tal-appellant fir-rigward ta' dan il-proġett partikolari. Dan għaliex fl-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar tniżżel b'mod ċar li l-iżvilupp propost għal Triq is-Sarġ kien jinvolvi '*demolition of existing building and re-construct garages, apartments and penthouses'*. Fuq din il-formula kien hemm il-firma tal-appellant bħala l-applikant tal-proġett. Ma nġabet ebda prova permezz ta' xhieda li kienu preżenti waqt il-laqgħa li saret mal-Perit Cole, li setgħu jitfgħu dawl fuq l-intenzjoni tal-appellant fil-mument li dan iddiskuta l-proġett in kwistjoni mal-Perit Cole. Għalhekk huwa diffiċli għall-Qorti li tasal biex tilqa' dan l-aggravju bbażat biss fuq x'setgħet kienet l-intenzjoni ta' wieħed mill-partijiet fil-kawża.

*Ir-raba' aggravju:* *[il-preskrizzjoni]*

43. L-appellant qal li ladarba l-Perit Cole spjega li t-tariffa ta' 3% li tirrappreżenta l-ħlas pretiż minnu f'dawn il-proċeduri, hija għad-disinn tal-pjanti, dan ifisser li l-ħlas kellu jsir meta saru l-pjanti. Żied jgħid li billi l-applikazzjonijiet saru f'April u Mejju tal-2006, il-kontijiet relattivi ġew preskritti

bid-dekors ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16, filwaqt li l-ittra uffiċjali da parti tal-appellati ġiet intavolata f'April tal-2009.

44. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Craig proprio et nomine v. Mifsud**, tas-27 ta' Marzu, 1998:

> "L-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Ċertament li l-azzjoni f'dan il-każ setgħet tiġi eżerċitata almenu żgur mid-data li fiha s-soċjetà attriċi talbet formalment u bil-miktub il-pagament ... Hu anki pertinenti l-artikolu 2151 tal-Kap. 16 fir-rigward tas-sottomissjoni tal-attur li s-servizzi tiegħu baqgħu għaddejjin matul is-snin ta' wara. Dan l-artikolu jipprovdi illi "Fil-każijiet imsemmija fl-aħħar erba' artikoli qabel dan (allura wkoll fl-Artikolu 2149 li qed jiġi kkonsidrat f'din is-sentenza) ikun hemm lok għall-preskrizzjoni għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi jew qadi ieħor." Hu stabbilit fil-ġurisprudenza li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-servizzi jew serviġi ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni jew preskrizzjoni tal-kreditu għas-servizzi jew serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri (Michelina Mallia et vs Carmela Cutajar deċiża fil-Prim'Awla fil-25 ta' Lulju, 1965 per Imħallef M. Caruana Curran kif ukoll Vol. XXXIX p.II p. 515)."

45. Madanakollu l-Qorti ma tistax tilqa' l-aggravju tal-appellant, partikolarment meta waqt it-trattazzjoni kien hemm insistenza li huwa biss parti mill-ammont li ġie preskritt, jiġifieri l-ammont li qiegħed jiġi kkontestat minnu, filwaqt li fir-rigward tal-kumplament għad hemm il-ħsieb li dak li huwa dovut lill-Perit Cole jitħallas. L-appellant innifsu f'waħda mill-eċċezzjonijiet li huwa ta in risposta għat-talbiet tal-appellati, qal li huwa għandu kull intenzjoni li jħallas, iżda mhux l-ammont sħiħ mitlub. Eċċezzjonijiet oħra mogħtija kienu li l-kont

huwa inflazzjonat b'mod esaġerat, kif ukoll li fil-pjanti mħejjija mill-Perit Cole kien hemm xi żbalji li sabiex jitranġaw l-appellant kellu jonfoq ammont ta' flus sostanzjali u jinkariga perit ieħor. Jirriżulta wkoll li fil-fatt laħaq sar parti mill-ħlas dovut lill-appellati, u kif inhu ben rassodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-għarfien tal-jedd tal-kreditur, kif ukoll il-ħlas akkont tad-dejn jew ta' parti minnu, it-tnejn għandhom l-effett li jinterrompu l-preskrizzjoni.[1] Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi filwaqt li tiċħad l-aggravji kollha sollevati mill-appellanti, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] Ara l-artikoli 2133 u 2134 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.